Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT (UE) Nru 1316/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2013

li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2014 tas-7 ta' Jannar 2014	L 80	1	19.3.2014
►M2	Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015	L 169	1	1.7.2015
►M3	Regolament (UE) 2017/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017	L 286	1	1.11.2017
►M4	Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017	L 345	34	27.12.2017

▼B

REGOLAMENT (UE) Nru 1316/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2013

li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

KAPITOLU I

Il-faċilità nikkollegaw l-ewropa

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament joħloq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (il-"FNE") li jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej sabiex tagħti appoġġ lill-proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija u biex jisfrutta s-sinerġiji potenzjali bejn dawk is-setturi. Huwa jistabbilixxi wkoll it-tqassim tar-riżorsi li għandhom isiru disponibbli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M3

(1) "proġett ta' interess komuni" tfisser proġett identifikat fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

▼B

(2) 'sezzjoni transkonfinali' tfisser, fis-settur tat-trasport, is-sezzjoni li tiżgura l-kontinwità ta' proġett ta' interess komuni bejn l-eqreb nodi urbani fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera ta' żewġ Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż ġar;

(3) 'pajjiż tal-viċinat' tfisser il-pajjiż li jaqa' taħt l-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat inkluża s-Sħubija Strateġika, il-Politika tat-Tkabbir, iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles;

(4) 'pajjiż terz' tfisser kwalunkwe pajjiż tal-viċinat u l-pajjiżi l-oħra kollha li magħhom tista' tikkoopera l-Unjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet fil-mira ta' dan ir-Regolament;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).

▼B

(5) "xogħlijiet" tfisser ix-xiri, il-forniment u t-tħaddim ta' komponenti, sistemi u servizzi inkluż is-software, it-twettiq tal-iżvilupp u l-bini u l-attivitajiet ta' installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tnedija ta' proġett;

(6) "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija ta' implimentazzjoni tal-proġett, bħal studji preparatorji, kartografiċi, tal-fattibbiltà, ta' evalwazzjoni, ta' ttestjar u ta' validazzjoni, inkluż fil-forma ta' software, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, li tinkludi azzjoni bil-quddiem sabiex jiġi definit u żviluppat proġett u sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħal stħarriġ dwar is-siti kkonċernati u t-tħejjija tal-pakkett finanzjarju;

(7) 'azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm' tfisser, fil-livelltal-FNE, il-miżuri kollha ta' akkumpanjament neċessarji għall-implimentazzjoni tagħha u tal-implimentazzjoni tal-linji gwida speċifiċi għal kull settur, bħas-servizzi, b'mod partikolari l-għoti ta' assistenza teknika, inkluż għall-użu tal-istrumenti finanzjarji, flimkien mal-attivitajiet preparatorji, ta' fattibbiltà, ta' koordinazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' konsultazzjoni ta' partijiet interessati, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li jinħtieġu b'mod dirett għall-ġestjoni tal-FNE u l-ksib tal-objettivi tagħha. B'mod partikolari l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm jinkludu l-istudji, il-laqgħat, il-kartografija infrastrutturali, l-informazzjoni, it-tqassim ta' informazzjoni, l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni l-ispiża marbuta mal-għodda u n-netwerks tal-IT li jiffokaw fuq skambji ta' informazzjoni dwar il-FNE, flimkien ma' kull spiża teknika u ta' assistenza amministrattiva oħra mġarrba mill-Kummissjoni li tista' tinħtieġ għall-ġestjoni tal-FNE jew l-implimentazzjoni tal-linji gwida individwali speċifiċi għas-settur. Azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm jinkludu wkoll attivitajiet meħtieġa sabiex jiffaċilitaw it-tħejjija tal-proġetti ta' interess komuni b'mod partikolari fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, bil-ħsieb li jinkiseb il-finanzjament skont dan ir-Regolament jew fis-suq finanzjarju. Azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm għandhom, fejn ikun xieraq, jinkludu wkoll l-kopertura tal-ispejjeż tal-Aġenzija Eżekuttiva inkarigata mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' partijiet speċifiċi tal-FNE ("Aġenzija Eżekuttiva");

(8) "azzjoni" tfisser kwalunkwe attività, li ġiet identifikata bħala waħda finanzjarjament u teknikament indipendenti, għandha żmien stipulat u hija neċessarja għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni;

(9) "spejjeż eliġibbli" għandha l-istess tifsira bħal fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012;

(10) "benefiċjarju" tfisser Stat Membru, organizzazzjoni internazzjonali, jew impriża jew korp pubbliku jew privat li jkun intgħażel sabiex jirċievi assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament u skont l-arranġamenti stabbiliti fil-programm ta' ħidma rilevanti imsemmi fl-Artikolu 17;

(11) "korp ta' implimentazzjoni" tfisser korp jew impriża pubblika jew privata maħtura minn benefiċjarju, fejn il-benefiċjarju huwa Stat Membru jew organizzazzjoni internazzjonali, sabiex tiġi implimentata l-azzjoni kkonċernata. Ħatra bħal din għandha tiġi deċiża

▼B

mill-benefiċjarju taħt ir-responsabbiltà tiegħu propja u, jekk ikun meħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist, dan isir b'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali dwar l-akkwisti pubbliċi;

(12) "netwerk komprensiv" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata bi qbil mal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(13) "netwerk ewlieni" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(14) "kurituri tan-netwerk ewlieni" tfisser strument sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tan-netwerk ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013u kif elenkat fil-Parti I tal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(15) "konġestjoni" fis-settur tat-trasport tfisser ostaklu fiżiku, tekniku jew funzjonali li jwassal għal twaħħil fis-sistema li jaffettwa l-kontinwità ta' flussi għal distanzi twal jew transkonfinali u li jista' jingħeleb permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida, jew b'titjib sostanzjali tal-infrastruttura eżistenti, li tista' twassal għal titjib sinifikanti li jsolvi r-ristrezzjonijiet tal-konġestjoni;

(16) "prijorità" tfisser kwalunkwe kuritur prijoritarju tal-elettriku, kurituri prijoritarji tal-gass jew oqsma prijoritarji tematiċi indikati fir-Regolament (UE) Nru 347/2013;

(17) "applikazzjonijiet telematiċi" tfisser l-applikazzjonijiet kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(18) "infrastruttura tal-enerġija" tfisser l-infrastruttura kif iddefinita fir-Regolament (UE) Nru 347/2013;

(19) "sinerġiji bejn is-setturi" tfisser l-eżistenza ta' azzjonijiet simili jew kumplimentari f'mill-inqas tnejn mis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija li jistgħu jippermettu l-ottimizzazzjoni tal-kostijiet jew tar-riżultati permezz tal-ġbir komuni tar-riżorsi finanzjarji, tekniċi jew umani;

(20) "netwerk iżolat" tfisser in-netwerk ferrovjarju ta' Stat Membru, jew parti minnu, kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

Artikolu 3

Objettivi ġenerali

Il-FNE għandha tippermetti t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-qafas tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. B'mod partikolari, il- FNE għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti ta' interess komuni mmirati għall-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi u servizzi ġodda jew għat-titjib ta' infrastrutturi u servizzi eżistenti, fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Hija ser tagħti prijorità lill-konnessjonijiet nieqsa, fis-settur tat-trasport. Il-FNE għandha wkoll tikkontribwixxi għall-appoġġ ta' proġetti b'valur miżjud Ewropew u benefiċċji sinifikanti għas-soċjetà u li ma jirċevux finanzjament adegwat mis-suq. L-objettivi ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għas-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija:

▼B

(a) li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej moderni u bi prestazzjonijiet tajbin ħafna li jikkunsidraw il-flussi futuri tat-traffiku, u b'ħekk toħroġ benefiċċji għall-Unjoni kollha kemm hi f'termini ta' titjib tal-kompetittività fis-suq dinji u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fis-suq intern u billi toħloq ambjent li jgħin il-ħolqien ta' investiment privat, pubbliku jew pubbliku-privat permezz ta' kombinament ta' strumenti finanzjarji u għajnuna diretta mill-Unjoni fejn il-proġetti jistgħu jibbenefikaw minn taħlita ta' strumenti u tal-isfruttar b'mod adatt ta' sinerġiji bejn is-setturi kollha.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi mkejla mid-daqs tal-volum ta' investiment privat, pubbliku jew sħubijiet pubbliċi-privati fi proġetti ta' interess komuni, u b'mod partikolari minn kemm ikun il-volum ta' investimenti privati fi proġetti ta' interess komuni miksub permezz tal-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-użu effiċjenti tal-investiment pubbliku;

(b) li tippermetti lill-Unjoni tilħaq il-miri li għandha tal-iżvilupp sostenibbli,inkluż tnaqqis ta' mill-inqas 20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'paragun mal-livelli tal-1990 u li żżid b'20 % l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li tgħolli s-sehem tal-enerġija rinnovabbli għal 20 % sal-2020, biex b'ħekk tikkontribwixxi għall-objettivi fi żmien medju u fit-tul tal-Unjoni rigward id-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li tiżgura aktar solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Artikolu 4

Objettivi settorjali speċifiċi

1. Mingħajr preġudizzju għall-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3, il-FNE għandha tikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi settorjali speċifiċi msemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Fis-settur tat-trasport, l-appoġġ għal proġetti ta' interess komuni kif identifikati fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, li għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi stabbiliti hawn taħt, kif hu speċifikat ulterjorment taħt l-Artikoli 4 ta' dak ir-Regolament:

(a) it-tneħħija tal-konġestjonijiet, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja, il-konnessjoni fejn hemm lakuni, u, b'mod partikolari, it-titjib tas-sezzjonijiet transkonfinali. Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz:

(i) tan-numru ta' netwerks ġodda jew konnessjonijiet transkonfinali mtejba;

(ii) tan-numru ta' kilometri ta' linja ferrovjarja adattata għall-istandard Ewropew tad-daqs nominali u mgħammra bl-ERTMS;

(iii) tan-numru ta' konġestjonijiet imneħħija u s-sezzjonijiet ta' kapaċità miżjuda tar-rotot tat-trasport għall-mezzi kollha li rċevew il-finanzjament mill-FNE;

(iv) tat-tul tal-passaġġi fuq l-ilma interni mqassam skont il-klassi fl-Unjoni; u

(v) tat-tul tan-netwerk ferrovjarju fl-Unjoni mtejjeb skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

▼B

(b) li jiġu żgurati s-sistemi sostenibbli u effiċjenti ta' trasport fuq perijodu twil, bil-ħsieb li ssir tħejjija għall-flussi tat-trasport mistennija fil-futur flimkien mal-possibbiltà tad-dekarbonizzazzjoni tal-mezzi kollha ta' trasport permezz tat-transizzjoni għal teknoloġiji tat-trasport innovattivi, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tiġi ottimizzata s-sigurtà. Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz:

(i) tan-numru ta' punti ta' provvista għal karburanti alternattivi għall-vetturi li jużaw in-netwerk ewlieni tat-TEN-T għat-trasport bit-triq fl-Unjoni;

(ii) tan-numru ta' portijiet interni u marittimi tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T mgħammra bil-punti ta' provvista għall-karburanti alternattivi fl-Unjoni; u

(iii) tat-tnaqqis tal-korrimenti fin-netwerk tat-toroq fl-Unjoni;

(c) li jiġu ottimizzati kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-mezzi tat-trasport u tittejjeb l-interoperabbiltà tas-servizzi tat-trasport, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi tat-trasport. Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz:

(i) tan-numru ta' pjattaformi loġistiċi multimodali inklużi portijiet u ajruporti interni u marittimi konnessi ma' netwerk ferrovjarju;

(ii) tan-numru ta' terminali ferrovjarji mtejba, u n-numru ta' konnessjonijiet ġodda jew imtejba bejn il-portijiet permezz tal-awtostrada tal-baħar;

(iii) tan-numru ta' kilometri ta' passaġġi tal-ilma interni mgħammra bl-RIS; u

(iv) tal-livell tat-tħaddim tas-sistema SESAR, il-VTMIS u l-ITS fis-settur tat-toroq.

L-indikaturi msemmijin f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għall-Istati Membri li ma għandhomx netwerk ferrovjarju jew netwerk fuq l-ilmijiet interni.

Dawk l-indikaturi ma għandhomx jikkostitwixxu kriterji ta' selezzjoni jew eliġibbiltà għall-azzjonijiet ta' appoġġ mill-FNE.

Il-perċentwali indikattivi li jirriflettu l-parti tar-riżorsi baġitarji ġenerali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1)li jiġu allokati lil kull wieħed mill-objettivi speċifiċi tat-trasport huma stabbiliti fil-Parti IV tal-Anness I għal dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni ma għandhiex tiddevja minn dawk il-perċentwali indikattivi b'aktar minn 5 punti perċentwali;

3. Fis-settur tal-enerġija, l-FNE għanda tappoġġa proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jiksbu wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:

(a) iż-żieda tal-kompetittività permezz tal-promozzjoni ta' aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn netwerks tal-elettriku u l-gass bejn il-fruntieri. Il-kisba ta' dan l-objettiv għandu jitkejjel ex post:

▼B

(i) min-numru ta' proġetti li jwasslu għal interkonnessjoni effikaċi bejn in-netwerks tal-Istati Membri u li jneħħu r-restrizzjonijiet interni;

(ii) it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-iżolament enerġetiku tal-Istati Membri;

(iii) il-perċentwal tal-qawwa tat-trasmissjoni transkonfinali tal-elettriku b'rabta mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku installata fl-Istati Membri rilevanti;

(iv) il-konverġenza tal-prezzijiet fis-swieq tal-gass u/jew l-elettriku tal-Istati Membri kkonċernati; u

(v) l-perċentwal tal-ogħla domanda taż-żewġ Stati Membri kkonċernati kopert mill-interkonnessjonijiet tal-fluss riversibbli għall-gass;

(b) it-tisħiħ tas-sigurtà fl-Unjoni tal-provvista tal-enerġija;

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ex post permezz ta':

(i) in-numru ta' proġetti li jippermettu d-diversifikazzjoni ta' sorsi tal-provvista, l-forniturі u r-rotot;

(ii) in-numru ta' proġetti li jżidu l-kapaċità tal-ħżin;

(iii) ir-reżiljenza tas-sistema, filwaqt li jitqies in-numru ta' interruzzjonijiet tal-provvista u t-tul taż-żmien tagħhom;

(iv) l-ammont ta' trażżin evitat ta' enerġija rinnovabbli;

(v) il-konnessjoni ta' swieq iżolati ma' aktar sorsi ta' provvista diversifikati;

(vi) l-użu ottimali tal-assi tal-infrastruttura tal-enerġija;

(c) il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent, fost l-oħrajn permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk tat-trasmissjoni, u l-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti tal-enerġija u n-netwerks tad-diossidu tal-karbonju.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ex post permezz ta':

(i) l-ammont ta' enerġija rinnovabbli trasmessa mill-ġenerazzjoni għal ċentri ewlenin ta' konsum u siti tal-ħżin;

(ii) l-ammont ta' trażżin evitat ta' enerġija rinnovabbli;

(iii) in-numru ta' proġetti ta' grids intelliġenti użati li bbenefikaw mill-FNE u r-rispons għad-domanda ffaċilitati minnhom;

(iv) l-ammont ta' emissjonijiet tas-CO2 evitat mill-proġetti li bbenefikaw mill-FNE,

▼B

L-indikaturi msemmija f'dan il-paragrafu, li jintużaw għall-kejl ex post tal-kisba tal-objettivi, ma għandhomx jikkostitwixxu kriterji ta' selezzjoni jew eliġibbiltà għall-azzjonijiet ta' appoġġ mill-FNE.

Il-kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni huma stipulati fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, filwaqt li l-kriterji ta' selezzjoni għall-proġetti ta' interess komuni huma stipulati fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament,

▼M3

4. Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, is-CEF għandha tappoġġja l-azzjonijiet li jfittxu li jiksbu l-objettivi speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 283/2014.

▼B

Artikolu 5

Baġit

▼M4

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tas-CEF għall-perijodu mill-2014 sal-2020 huwa stabbilit għal EUR 30 192 259 000 fi prezzijiet attwali. Dak l-ammont għandu jitqassam kif ġej:

(a) is-settur tat-trasport: EUR 24 050 582 000, li minnhom EUR 11 305 500 000 għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu f'konformità ma' dan ir-Regolament esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;

(b) is-settur tat-telekomunikazzjoni: EUR 1 066 602 000;

(c) is-settur tal-enerġija: EUR 5 075 075 000.

Dawk l-ammonti huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà previst fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([1]).

▼B

2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FNE għandu jkopri spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi kif previst fl-Artikolu 7;

(b) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi li jikkonsistu f'nefqiet tekniċi u amministrattivi mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-FNE, inklużi dawk neċessarji biex tiġi żgurata t-transizzjoni bejn il-FNE u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007, sa 1 % tal-pakkett finanzjarju, l-ispejjeż tal-Aġenzija Eżekuttiva għandhom jiġu inklużi taħt dan il-limitu.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

▼B

3. Wara l-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu msemmija fl-Artikolu 27(1), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni jistgħu, jittrasferixxu bejn is-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija l-approprjazzjonijiet tal-allokazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-ammont ta' EUR 11 305 500 000 trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

4. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

KAPITOLU II

Modi ta' finanzjament u dispożizzjonijiet finanzjarji ġenerali

Artikolu 6

Forom ta' assistenza finanzjarja

1. Il-FNE għandha tiġi implimentata permezz ta' waħda jew aktar mill-forom ta' assistenza finanzjarja, stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari, għotjiet ta' flus, akkwist u strumenti finanzjarji.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 għandhom jistabbilixxu l-forom ta' assistenza finanzjarja, b'mod partikolari għotjiet ta' flus, akkwist u strumenti finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni tista', soġġetta għal analiżi tal-benefiċċji meta mqabblin mal-ispejjeż, tafda parti mill-implimentazzjoni tal-FNE f'idejn il-korpi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 58(1) u l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari lill-Aġenzija Eżekuttiva, bil-għan tal-ġestjoni ottimali u r-rekwiżiti tal-effiċjenza tal-FNE fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Il-Kummissjoni tista' tafda wkoll parti mill-implimentazzjoni tal-FNE f'idejn il-korpi msemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 7

Eliġibbiltà u kundizzjonijiet għall-assistenza finanzjarja

▼M3

1. Għall-appoġġ tal-għajnuna finanzjarja tal-UE, b'mod partikolari fl-għamla ta' għotjiet, akkwist u strumenti finanzjarji, għandhom ikunu eliġibbli biss dawk l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni f'konformità mar-Regolamenti (UE) Nru 1315/2013, (UE) Nru 347/2013 u (UE) Nru 283/2014, kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi.

▼B

2. Fis-settur tat-trasport, huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ permezz ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni f'għamla ta' akkwisti u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament. Huma biss dawn li ġejjin li għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet taħt dan ir-Regolament:

▼B

(a) azzjonijiet li jimplimentaw in-netwerk ewlieni skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, inkluż it-tħaddim ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament u proġetti u prijoritajiet orizzontali identifikati fil-Parti I tal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(b) azzjonijiet li jimplimentaw in-netwerk komprensiv skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013[1], meta dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu biex jinħolqu konnessjonijiet nieqsa, għall-iffaċilitar tal-fluss tat-traffiku transkonfinali jew għat-tneħħija ta' konġestjonijiet u meta dawk l-azzjonijiet jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tan-netwerk prinċipali, jew joħolqu interkonnessjonijiet bejn kurituri tan-netwerk prinċipali jew meta tali azzjonijiet jikkontribwixxu għall-użu tal-ERTMS fuq rotot prinċipali kif definit fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 913/2010, sa limitu massimu ta' 5 % tal-pakkett finanzjarju għat-trasport kif speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(c) studji għal proġetti ta' interess komuni kif definit fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(d) studji għal proġetti transkonfinali ta' prijorità kif definit fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 661/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(e) azzjonijiet ta' appoġġ għall-proġetti ta' interess komuni kif definiti fil-punti (a), (d) u (e) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(f) azzjonijiet li jimplimentaw infrastruttura ta' trasport fin-nodi tan-netwerk prinċipali, inklużi nodi urbani, definiti fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(g) azzjonijiet ta' appoġġ għas-sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(h) azzjonijiet ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 1315/2013;

(i) azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorjbu li joħroġ mill-ferroviji li jġorru l-merkanzija inkluż permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji, f'kooperazzjoni, fost l-oħrajn, mal-industrija tal-ferrovija;

(j) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi;

(k) azzjonijiet li jimplimentaw infrastruttura ta’ sigurtà u sikura skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 1315/2013;

(l) azzjonijiet ta' appoġġ tal-awtostradi tal-baħar kif previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

L-azzjonijiet relatati mat-trasport li jinvolvu sezzjoni transkonfinali jew parti minnha għandhom ikunu eliġibbli sabiex jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni biss jekk hemm ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri kkonċernati jew bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati marbut mat-tlestija tas-sezzjoni transkonfinali.

([1]) Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 204, 5.8.2010. p. 1).

▼B

3. Fis-settur tal-enerġija, l-azzjonijiet kollha li jimplimentaw dawk il-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw il-kurituri ta' prijorità u oqsma imsemmijin fil-Parti II tal-Anness I għal dan ir-Regolament u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, għandhom ikunu eliġibbli għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' strumenti finanzjarji, akkwist u għotjiet ta' flus skont dan ir-Regolament.

Biex ikun jista' jsir l-aktar użu effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni sabiex jiżdied l-effett multiplikatur tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza finanzjarja bħala prijoritàsfil-forma ta' strumenti finanzjarji kull meta xieraq u filwaqt li jiġi rrispettat il-livell massimu għall-użu ta' strumenti finanzjarji skont l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 21(4).

▼M3

4. Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, l-azzjonijiet kollha li jimplimentaw il-proġetti ta' interess komuni u l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi identifikati fir-Regolament (UE) Nru 283/2014 u li jkunu jissodisfaw il-kriterji u/jew il-kondizzjonijiet ta' eliġibilità stabbiliti b'konformità ma' dak ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli biex jirċievu għajnuna finanzjarja tal-Unjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament, kif ġej:

(a) is-servizzi ġeneriċi, il-pjattaformi ta' servizzi prinċipali u l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet u/jew akkwist;

(b) l-azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' strumenti finanzjarji;

(c) l-azzjonijiet fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili li tkun mingħajr ħlas u mingħajr kondizzjonijiet diskriminatorji fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet jew forom oħra ta' għajnuna finanzjarja, li ma' jinkludux strumenti finanzjarji.

▼B

5. Azzjonijiet b'sinerġiji bejn setturi li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni eliġibbli taħt mill-inqas żewġ Regolamenti msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 2 għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament għall-fini ta' talbiet multi-settorjali għall-proposti msemmija fl-Artikolu 17(7) biss jekk il-komponenti u l-ispejjeż ta' tali azzjoni jistgħu jiġu separati b'mod ċar f'kull settur fit-tifsira tal-paragrafi (2), (3) u (4) ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

Għotjiet ta' flus

Artikolu 8

Forom ta' għotjiet ta' flus u spejjeż eliġibbli

1. Għotjiet skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru f'waħda mill-forom previsti mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Il-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament għandhom jistabbilixxu l-forom ta' għotjiet ta' flus li jistgħu jintużaw għall-finanzjament tal-azzjonijiet ikkonċernati.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fl-ewwel programm pluriennali ta' ħidma u fil-programmi ta' ħidma annwali tista' tkun eliġibbli sa mill-1 ta' Jannar 2014.

3. Hija biss in-nefqa magħmula fl-Istati Membri li tista' tkun eliġibbli, ħlief meta l-proġett ta' interess komuni jkun jinvolvi t-territorju ta' pajjiż terz wieħed jew aktar u fejn l-azzjoni tkun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett ikkonċernat.

4. L-ispiża għal tagħmir u infrastruttura li l-benefiċjarju jgħodd bħala nefqa kapitali tista' tkun kollha kemm hi eliġibbli.

5. Nefqa marbuta ma' studji ambjentali dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jistgħu jkunu eliġibbli.

6. Nefqa marbuta mal-akkwist ta' art ma għandhiex tkun spiża eliġibbli, ħlief għall-fondi ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni fis-settur tat-trasport skont Regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni.

7. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 126(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Fir-rigward tal-ammont ta' EUR 11 305 500 000 trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jintefaq mill-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-regoli ta' eliġibbiltà dwar il-VAT għandhom ikunu dawk applikabbli għal Fond ta' Koeżjoni msemmija f'Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni.

8. Regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż imħallsa mill-benefiċjarji għandhom japplikaw mutatis mutandis għal spejjeż imħallsa minn korpi inkarigati mill-implimentazzjoni.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni

1. Proposti għandhom jitressqu minn wieħed jew aktar Stati Membri jew, bi ftehim tal-Istati Membri kkonċernati, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, jew impriżi pubbliċi jew privati jew korpi stabbiliti fl-Istati Membri.

▼M3

1a. Meta jkun ġustifikat bil-ħsieb li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ, b'mod partikolari fil-każ ta' għotjiet b'valur baxx skont it-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012,

▼M3

l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiftiehmu fuq kategorija ta' proposti fil-programmi ta' ħidma adottati b'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma jiġu indikati applikanti individwali. Tali ftehim għandu jelimina l-ħtieġa li l-Istati Membri japprovaw kull applikazzjoni individwali.

▼B

2. Il-proposti jistgħu jiġu mressqa minn entitajiet li ma għandhomx personalità legali taħt il-liġi nazzjonali applikabbli, sakemm ir-rappreżentanti tagħhom għandhom il-kapaċità li jassumu obbligi legali f'isimhom u joffru garanzija għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li tkun daqs dik offruta minn persuni ġuridiċi.

3. Proposti mressqa minn persuni fiżiċi ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli.

4. Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' xi proġett partikolari ta' interess komuni u fejn il-parteċipazzjoni tagħhom hija ġustifikata kif xieraq, pajjizi terzi u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem f'azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni.

Dawn ma jistgħux jirċievu assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament, ħlief meta dan ikun indispensabbli għall-kisba tal-objettivi ta' xi proġett partikolari ta' interess komuni.

5. Il-programmi ta' ħidma multiannwali u annwali msemmija fl-Artikolu 17 jistgħu jinkludu regoli speċifici addizzjonali dwar tressiq ta' proposti.

Artikolu 10

Rati ta' finanzjament

1. Ħlief għal dawk il-każijiet imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 966/2012, il-proposti għandhom jiġu magħżula abbażi ta' sejħa li toħroġ għall-proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

2. Fis-settur tat-trasport, l-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż:

(a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal studji, 50 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:

(i) ta' netwerks ferrovjarji, u tat-toroq fil-każ ta' Stati Membri li ma għandhomx netwerk ferrovjarju stabbilit fit-territorju tagħhom jew fil-każ ta' Stat Membru, jew parti minnu, b'netwerk iżolat mingħajr trasport ferrovjarju tal-merkanzija għal distanzi twal: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli; ir-rata ta' finanzjament tista' tiġi miżjuda sa massimu ta' 30 % għal azzjonijiet li jindirizzaw il-konġestjonijiet u sa 40 % għal azzjonijiet li jikkonċernaw sezzjonijiet transkonfinali u azzjonijiet għat-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja;

(ii) ta' passaġġi fuq l-ilma interni: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli; ir-rata ta' finanzjament tista' tiżdied sa massimu ta' 40 % għal azzjonijiet li jikkonċernaw il-konġestjonijiet u sa massimu ta' 40 % għal azzjonijiet li jikkonċernaw sezzjonijiet transkonfinali;

(iii) ta' trasport fuq l-art, konnessjonijiet ma' u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi multimodali inklużi konnessjonijiet għal portijiet interni u marittimi u ajruporti, kif ukoll l-iżvilupp tal-portijiet: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli;

▼B

(iv) ta' azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorjbu li joħroġ mill-ferroviji li jġorru l-merkanzija inkluż permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli sa limitu kkombinat ta' 1 % tar-riżorsi finanzjarji baġitarji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1);

(v) ta' aċċessibilità aħjar għall-infrastruttura tat-trasport għal persuni b'diżabilità: 30 % tal-ispiża eliġibbli għal xogħlijiet ta' adattament, li fl-ebda każ ma jaqbżux l-10 % tal-ispiża eliġibbli tax-xogħlijiet;

(vi) ta' azzjonijiet li jappoġġaw it-teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal kull mezz ta' trasport: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(vii) ta' azzjonijiet ta' appoġġ għal sezzjonijiet ta' toroq transkonfinali: 10 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' applikazzjonijiet telematiċi:

(i) fir-rigward ta' komponenti bbażati fuq l-art tal-ERTMS, tas-SESAR, tal-RIS u tal-VTMIS, 50 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(ii) ir-rigward ta' komponenti bbażati fuq l-art tal-ITS għas-settur tat-toroq: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(iii) għal komponenti abbord tal-ERTMS: 50 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(iv) għal komponenti abbord tas-SESAR, tal-RIS, TAL-VTMIS u tal-ITS għas-settur tat-toroq: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli, sa massimu kkombinat ta' 5 % tar-riżorsi baġitarji msemmija f'punt (a) tal-Artikolu 5(1);

(v) fir-rigward ta' azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-awtostradi tal-baħar: 30 % tal-ispejjeż eliġibbli;

Il-Kummissjoni għandha toħloq kundizzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' proġetti li jinvolvu l-awtostradi tal-baħar ma' pajjiżi terzi;

(vi) fir-rigward tas-sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi minbarra dawk imsemmija f'punti (i) sa (iv) u servizzi ta' trasport ta' merkanzija, parkings siguri fuq in-netwerk ewlieni tat-toroq: 20 % tal-ispejjeż eliġibbli.

3. Fis-settur tal-enerġija, l-ammont ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli biex isiru studji u/jew xogħlijiet. Ir-rati ta' finanzjamentjistgħu jiġu miżjuda sa massimu ta' 75 % għal azzjonijiet li, abbażi tal-evidenza msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, joffru livell għoli ta' sigurtà ta' provvista fuq livell reġjonali jew madwar l-Unjoni, isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew ikun fihom soluzzjonijiet innovattivi bil-kbir.

4. Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, l-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni ma għandux jaqbeż:

(a) fir-rigward ta' azzjonijiet fil-qasam servizzi ġeneriċi: 75 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(b) għal azzjonijiet orizzontali inklużi t-tfassil ta' kartografija tal-infrastruttura, ġemellaġġ u għajnuna teknika: 75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

▼B

Il-pjattaformi tas-servizzi ewlenin għandhom normalment jiġu ffinanzjati permezz ta' akkwisti. F'każijiet eċċezzjonali, jistgħu jiġu ffinanzjati minn għotja ta' flus li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.

▼M3

L-azzjonijiet fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili mingħajr ħlas u mingħajr kondizzjonijiet diskriminatorji fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu ffinanzjati b'għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li għandha tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.

▼B

5. Ir-rati ta' finanzjament jistgħu jiġu miżjuda b'sa mhux aktar minn 10 punti perċentwali fuq il-perċentwali stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 għall-azzjonijiet b'sinerġiji bejn tal-inqas tnejn mis-setturi koperti mill-FNE. Din iż-żieda ma għandhiex tapplika għar-rati ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 11.

6. L-ammont ta' assistenza finanzjarja li tingħata għall-azzjonijiet magħżula għandu jkun adattat abbażi ta' analiżi tal-benefiċċju miksub għall-flus li jintefqu ta' kull proġett, id-disponibbiltà tar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni u l-ħtieġa li jittieħed vantaġġ massimu mill-finanzajment tal-Unjoni.

Artikolu 11

Sejħiet speċifiċi għal fondi trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni fis-settur tat-trasport

1. Fir-rigward tal-ammont ta' EUR 11 305 500 000 transferit mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jintefaq esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, se jsiru sejħiet speċifiċi għal proġetti li jimplimentaw in-netwerk ewlieni jew għal proġetti u prijoritajiet orizzontali identifikati fil-Parti I tal-Anness I esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

2. Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal sejħiet speċifiċi bħal dawn. Sal-31 ta' Diċembru 2016, l-għażla tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament għandha tirrispetta l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni. B'effett mill-1 ta' Jannar 2017, ir-riżorsi trasferiti lill-FNE li ma ġewx impenjati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni biex jiffinanzjaw proġetti tal-infrastruttura tat-trasport skont dan ir-Regolament.

3. Sabiex ikunu appoġġati Stati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet fit-tfassil ta' proġetti li jkunu ta' biżżejjed maturità u/jew kwalità u li jkollhom biżżejjed valur miżjud tal-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm li għandhom il-mira li jsaħħu

▼B

l-kapaċità u l-effiċjenza istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-servizzi pubbliċi relatati mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fil-Parti I tal-Anness I. Biex ikun żgurat l-ogħla assorbiment possibbli tal-fondi trasferiti fl-Istati Membri kollha eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni tista' torganizza sejħiet addizzjonali.

4. L-ammont ta' EUR 11 305 500 000 ittrasferit mill-Fond ta' Koeżjoni jista' jintuża biex jimpenja riżorsi baġitarji lil strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament biss mill-1 ta' Jannar 2017. Minn dak in-nhar l-ammont ta' EUR 11 305 500 000 ittrasferit mill-Fond ta' Koeżjoni jista' jintuża biex jimpenja riżorsi baġitarji lil proġetti li għalihom jkunu diġà ddaħħlu impenji kuntrattwali mill-entitajiet fdati.

5. Minkejja l-Artikolu 10, u fir-rigward tal-ammont ta' EUR 11 305 500 000 trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jintefaq esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' finanzjament għandhom ikunu dawk applikabbli għal Fond ta' Koeżjoni kif imsemmi f'Regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni għal dan li ġej:

(a) azzjonijiet fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal studji;

(b) azzjonijiet fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:

(i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art;

(ii) azzjonijiet ta' appoġġ għal sezzjonijiet minn toroq li jkunu transkonfinali u, fil-każ ta' Stati Membri li ma għandhomx netwerks ferrovjarji n-netwerk stradali TEN-T;

(iii) azzjonijiet għal trasport fuq l-art, konnessjonijiet ma' u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi multimodali inklużi konnessjonijiet għal portijiet interni u marittimi u ajruporti, inklużi faċilitajiet awtomatiċi għat-tibdil tal-wisa' għall-binarji, u l-iżvilupp ta' portijiet inklużi kapaċitajiet ta' tkissir tas-silġ, kif ukoll punti ta' kollegament, b'attenzjoni partikolari mogħtija lil konnessjonijiet ferrovjarji, minbarra fil-każ ta' Stati Membri mingħajr netwerk ferrovjarju;

(c) azzjonijiet fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' applikazzjonijiet telematiċi:

(i) l-ERTMS, l-RIS u l-VTMIS, is-sistema SESAR u ITS għas-settur tat-toroq;

(ii) sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi oħra;

(iii) azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp tal-awtostradi tal-baħar;

(d) azzjonijiet fir-rigward ta' għotjiet ta' flus li jappoġġaw teknoloġiji ġodda u innovazzjoni għall-mezzi kollha ta' trasport.

Artikolu 12

Revokar, tnaqqis, sospensjoni u twaqqif tal-għotja

1. Ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, l-assistenza finanzjarja mogħtija għal studji li jkunu għadhom ma nbdewx fi żmien sena wara d-data stipulata fil-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti tal-għajnuna jew fi żmien sentejn minn dik id-data għall-azzjonijiet l-oħra kollha eliġibbli għal assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament.

▼B

2. Il-Kummissjoni tista' tissospendi, tnaqqas, tirkupra jew twaqqaf l-assistenza finanzjarja skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jew wara evalwazzjoni tal-progress tal-proġett, b'mod partikolari f'każ ta' dewmien kbir fl-implimentazzjoni tal-azzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob ir-rimborż sħiħ jew parzjali tal-assistenza finanzjarja mogħtija jekk, fi żmien sentejn mid-data tat-tlestija stipulata fil-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti tal-għajnuna, l-implimentazzjoni tal-azzjoni li tirċievi l-assistenza finanzjarja tkun għadha ma tlestietx.

4. Qabel ma l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe deċiżjoni minn dawk previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, hija għandha teżamina l-każ b'mod komprensiv f'koordinazzjoni mal-korpi msemmijin rispettivament fl-Artikolu 6(3) u tikkonsulta lill-benefiċjarji kkonċernati sabiex jkunu jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom fi żmien raġonevoli. Wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bid-deċiżjonijiet kollha meħuda dwar l-adozzjoni tal-programmi annwali msmemija fl-Artikolu 17.

KAPITOLU IV

Akkwist

Artikolu 13

Akkwist

1. Proċeduri ta' akkwist pubbliku mwettqa mill-Kummissjoni jew minn xi wieħed mill-korpi msemmija fl-Artikolu 6(3) f'ismu stess jew b'mod konġunt ma' Stati Membri jistgħu:

(a) jipprovdu għal kundizzjonijiet speċifiċi bħall-post li fih jitwettqu l-attivitajiet tal-akkwisit, fejn dawn il-kundizzjonijiet ikunu ġustifikati kif inhu xieraq mill-objettivi tal-azzjonijiet u sakemm tali kundizzjonijiet ma jiksrux il-prinċipji marbuta ma' akkwist pubbliku tal-Unjoni u nazzjonali;

(b) jawtorizzaw l-għoti ta' aktar minn kuntratt wieħed fi ħdan l-istess proċedura ("fornitura multipla").

2. Fejn ikun debitament ġustifikat u meħtieġ mill-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, il-paragrafu 1 jista' japplika wkoll għall-proċeduri ta' akkwist imwettqa minn benefiċjarji ta' għotjiet ta' flus.

KAPITOLU V

Strumenti finanzjarji

Artikolu 14

Forom ta' strumenti finanzjarji

▼M3

1. L-istrumenti finanzjarji stabbiliti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jistgħu jintużaw sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament minn entitajiet li jimplimentaw azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni kif definiti

▼M3

fir-Regolamenti (UE) Nru 1315/2013, (UE) Nru 347/2013 u (UE) Nru 283/2014, u l-kisba tal-objettivi tagħhom. Dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet ex-ante tal-imperfezzjonijiet fis-suq jew tal-qagħdiet subottimi ta' investiment u tal-bżonnijiet ta' investiment. It-termini, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri prinċipali għal kull strument finanzjarju għandhom ikunu dawk stipulati fil-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

▼M2

2. Il-kontribuzzjoni globali mill-baġit tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji ma għandhiex taqbeż it-8,4 % tal-pakkett finanzjarju globali tas-CEF kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

▼B

3. L-istrumenti finanzjarji kollha stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 u l-istrument għall-qsim tar-riskju għal bonds għall-proġetti stabbiliti taħt id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE jistgħu, jekk applikabbli u soġġetti għal evalwazzjoni preċedenti, jingħaqdu flimkien, ma' dawk taħt dan ir-Regolament.

Il-fużjoni ta' bonds tal-proġetti għandha tkun soġġetta għar-rapport interim li għandu jitwettaq fit-tieni nofs tal-2013 kif definit fir-Regolament (KE) Nru 680/2007 u fid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE. L-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti għandha tibda progressivament b'massimu ta' EUR 230 000 000 matul is-snin 2014 u 2015. L-implimentazzjoni sħiħa tal-inizjattiva hija soġġetta għal evalwazzjoni sħiħa indipendenti li għandha titwettaq fl-2015 kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 680/2007 u fid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE. Fid-dawl ta' dik l-evalwazzjoni, b'kunsiderazzjoni għall-għażliet kollha, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi tibdiliet regolatorji xierqa, inklużi tibdiliet leġislattivi, b'mod partikolari jekk l-assorbiment tas-suq imbassar ma jkunx sodisfaċenti jew fil-każ li sorsi alternattivi biżżejjed għall-finanzjament fit-tul tad-dejn isiru disponibbli.

4. Jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji li ġejjin:

(a) strumenti ta' ekwità, bħal fondi ta' investiment b'enfasi fuq il-forniment ta' kapital riskju għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni;

(b) self u/jew garanziji iffaċilitati permezz ta' strumenti bbażati fuq il-kondiviżjoni tar-riskji, inkluż il-mekkaniżmu ta' tisħiħ tal-kreditu għal bonds għal proġetti, b'appoġġ għal proġetti individwali jew portafolli ta' proġetti maħruġin minn istituzzjoni finanzjarja birriżorsi tagħha stess u b'kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-provvediment u/jew l-allokazzjoni ta' kapital.

▼M4

5. B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 140(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, id-dħul u r-ripagamenti minn strumenti finanzjarji stabbiliti skont dan ir-Regolament u minn strumenti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 li ngħaqdu ma' strumenti finanzjarji stabbiliti skont dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom, sa massimu ta' EUR 125 000 000, jikkostitwixxu dħul assenjat intern fis-sens tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi stabbilit mir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

▼M4

6. B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 140(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, id-dħul u r-ripagamenti mill-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura ("Il-Fond Marguerite") stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007, sa massimu ta' EUR 25 000 000, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern fis-sens tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi stabbilit mir-Regolament (UE) 2015/1017.

▼B

Artikolu 15

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' assistenza finanzjarja permezz ta' strumenti finanzjarji

1. Azzjonijiet appoġġati permezz ta' strumenti finanzjarji għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' maturità u għandhom ifittxu li jkollhom diversifikazzjoni settorjali skont l-Artikoli 3 u 4, kif ukoll bilanċ ġeografiku fost l-Istati Membri. Huma għandhom:

(a) jirrappreżentaw valur miżjud Ewropew;

(b) iwieġbu għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020;

(c) jippreżentaw effett ta' ingranaġġ fir-rigward tal-appoġġ tal-Unjoni, jiġifieri għandu jkollhom l-għan li jimmobilizzaw investiment globali akbar mid-daqs tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-indikaturi definiti minn qabel.

2. L-Unjoni, kwalunkwe Stat Membru u investituri oħra jistgħu joffru assistenza finanzjarja addizzjonali barra l-kontribuzzjonijiet li jirċievu permezz tal-istrumenti finanzjarji, sakemm il-Kummissjoni taqbel ma' kull bidla fil-kriterji ta' eliġibbiltà tal-azzjonijiet u/jew l-istrateġija ta' investiment tal-istrument li tista' tkun neċessarja minħabba l-kontribuzzjoni addizzjonali.

3. L-istrumenti finanzjarji għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-effett multiplikatur tal-infiq tal-Unjoni billi jattiraw riżorsi addizzjonali minn investituri privati. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġġeneraw qligħ aċċettabbli biex jissodisfaw l-objettivi ta' sħab jew investituri oħrajn, filwaqt li jkollhom l-għan li jippreservaw il-valur tal-assi previst mill-baġit tal-Unjoni.

4. L-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament jistgħu jingħaqdu ma' għotjiet iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

5. Il-Kummissjoni tista' tistipula kundizzjonijiet addizzjonali fil-programmi ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 17 skont il-ħtiġijiet speċifiċi tas-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.

Artikolu 16

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

Azzjonijiet f'pajjiżi terzi jistgħu jingħataw appoġġ permezz tal-istrumenti finanzjarji jekk dawk l-azzjonijiet ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' xi proġett ta' interess komuni.

▼B

KAPITOLU VI

Programmar, implimentazzjoni u kontroll

Artikolu 17

Programmi ta' ħidma pluriennali u/jew annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, programmi ta' ħidma pluriennali u annwali għal kull wieħed missetturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll programmi ta' ħidma pluriennali u annwali li jkopru aktar minn settur wieħed. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 25(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-programmi ta' ħidma pluriennali tal-inqas f'nofs il-perijodu. Jekk meħtieġ, hija għandha tirrevedi l-programm ta' ħidma pluriennali permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 25(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma pluriennali fis-settur tat-trasport għal proġetti ta' interess komuni kif elenkati fil-Parti I tal-Anness I.

L-ammont tal-pakkett finanzjarju għandu jkun fil-medda ta' bejn 80 % sa 85 % tar-riżorsi baġitarji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1).

Il-proġetti msemmijin fil-Parti I tal-Anness I mhumiex vinkolanti fuq l-Istati Membri għad-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni tagħhom. Id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti hija kompetenza tal-Istati Membri u tiddependi mill-kapaċità ta' finanzjamenti pubbliċi, u l-vijabbiltà soċjoekonomika tagħhom skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma annwali għas-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija għal proġetti ta' interess komuni li mhumiex inklużi fil-programmi ta' ħidma pluriennali.

▼M3

5. Il-Kummissjoni, meta tadotta programmi ta' ħidma settorjali pluriennali u annwali, għandha tistabbilixxi l-kriterji tal-għażla u tal-għoti b'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament u fir-Regolamenti (UE) Nru 1315/2013, (UE) Nru 347/2013 u (UE) Nru 283/2014. Meta tkun qed tistabbilixxi l-kriterji tal-għażla, il-Kummissjoni għandha tqis l-orjentazzjonijiet ġenerali stipulati fil-Parti V tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

▼B

6. Fis-settur tal-enerġija, fl-ewwel żewġ programmi ta' ħidma annwali, għandha tingħata kunsiderazzjoni lil proġetti ta' interess komuni u azzjonijiet relatati bl-għan li jintemm l-iżolament enerġetiku u jiġu eliminati l-konġestjonijiet enerġetiċi, u lit-tlestija tas-suq intern tal-enerġija.

7. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu kkoordinati b'mod li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn it-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari f'tali oqsma bħal grids intelliġenti tal-enerġija, mobbiltà b'mezzi li jaħdmu bl-elettriku, sistemi intelliġenti u sostenibbli tat-trasport, drittijiet ta' passaġġ konġunti jew ħidma konġunta fl-infrastruttura. Il-Kummissjoni għandha tadotta mill-inqas sejħa multisettorjali

▼B

waħda għal proposti għal azzjonijiet eliġibbli taħt l-Artikolu 7(5), bl-ammonti finanzjarji allokati għal kull settur ippeżat skont l-involviment relattiv ta' kull settur fl-ispejjeż eliġibbli tal-azzjonijiet magħżula għal finanzjament taħt il-FNE.

Artikolu 18

Għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni

1. Wara kull sejħa għal proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma pluriennali jew annwali kif isemmija fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25, għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' assistenza finanzjarja li għandha tingħata lill-proġetti magħżula jew għal partijiet minnhom. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-benefiċjarji u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġu informati mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe assistenza finanzjarja li għandha tingħata.

Artikolu 19

Ammonti annwali

Il-Kummissjoni tista' taqsam l-impenji baġitarji f'ammonti annwali. Jekk isir hekk, kull sena għandha tikkommetti l-ammonti annwali filwaqt li tikkunsidra l-progress tal-azzjonijiet li jkunu qed jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-benefiċjarji tal-għotjiet finanzjarji, lill-Istati Membri kkonċernati u, jekk applikabbli għal strumenti finanzjarji, lill-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati skeda ta' żmien indikattiva li tkopri l-impenn tal-ammonti annwali individwali.

Artikolu 20

Riportament ta' approprjazzjonijiet

Approprjazzjonijiet li ma jkunux intużaw sal-aħħar tas-sena finanzjarja li ddaħħlu taħtha għandhom jiġu riportati skont ir-Regolament (UE) Nru 966/2012.

Artikolu 21

Atti delegati

1. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Istat(i) Membru(i) kkonċernati kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament rigward il-modifika tal-Parti I tal-Anness I għal dan ir-Regolament, biex jittieħed kont tal-prijoritajiet finanzjarji li jitbiddlu fin-netwerks trans-Ewropej u ta' bidliet rigward proġetti ta' interess komuni identifikati fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013. Fl-emendar tal-Parti I tal-Anness I għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura:

(a) li l-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, x'aktarx jiġu realizzati kompletament jew parzjalment taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020;

▼B

(b) li l-modifiki jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament;

(c) rigward il-Parti I tal-Anness I għal dan ir-Regolament, li s-sezzjonijiet kollha jinkludu proġetti ta' infrastruttura li r-realizzazzjoni tagħhom ser teħtieġ l-inklużjoni tagħhom fi programm ta' ħidma pluriennali taħt l-Artikolu 17(3) ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma jitbiddel l-allinjament tal-kurituri prinċipali tan-netwerk.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament biex timmodifika t-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri ewlenin stipulati fil-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament li jirregola l-kontribuzzjoni mill-Unjoni għal kull strument finanzjarju stabbilit taħt il-Qafas tad-Dejn jew il-Qafas tal-Ekwità stipulat fil-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament f'konformità mar-riżultati tar-rapport interim u l-evalwazzjoni indipendenti sħiħa tal-faża pilota tal-Inizjattiva tal- Ewropa 2020 tal-Bonds tal-Proġetti stabbilita taħt id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 u sabiex jittieħed kont tal-kundizzjonijiet tas-suq li dejjem jinbidlu bil-ħsieb li jittejbu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

Meta temenda l-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament fil-każijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu il-Kummissjoni għandha dejjem tiżgura li:

(a) l-emendi jsiru f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, inkluża l-evalwazzjoni ex ante msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 140(2) tiegħu, u

(b) l-emendti jkunu limitati għal:

(i) il-bidliet tal-livell limitu tal-finanzjament subordinat tad-dejn kif imsemmi f'I.1(a) u I.1(b) tal-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament, bil-ħsieb li tinsab diversifikazzjoni settorjali u bilanċ ġoegrafiku fl-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 15;

(ii) il-bidliet tal-livell limitu tal-finanzjament tad-dejn superjuri kif imsemmi f'I.1(a) tal-Parti III tal-Anness I għal dan ir-Regolament, bil-ħsieb li tinsab diversifikazzjoni settorjali u bilanċ ġoegrafiku fl-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 15;

(iii) il-kombinazzjoni ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament kif imsemmi f'I.3 u II.3 tal- Parti III tal-Anness I;

(iv) l-għażla ta' entitajiet fdati kif imsemmi f'I.4 u II.4 tal-Parti III tal-Anness I; u

(v) prezzijiet, kondiviżjoni tar-riskji u tad-dħul kif imsemmi f'I.6 u II.6 tal-Parti III tal-Anness I.

3. Fis-settur tat-trasport, u fi ħdan l-objettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3 u l-objettivi settorjali speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jiddettaljaw il-prijoritajiet ta' finanzjament li

▼B

għandhom jiġu riflessi fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 għat-tul tal-FNE għal azzjonijiet eliġibbli taħt l-Artikolu 7(2). Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat sa 22 ta' Diċembru 2014.

▼M2

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex tgħolli l-limitu massimu stipulat fl-Artikolu 14(2) sa 10 %, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-evalwazzjoni tal-fażi pilota tal-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti mwettqa fl-2015 tkun pożittiva; u

(ii) l-assorbiment ta' strumenti finanzjarji jaqbeż is-6,5 % f'termini ta' impenji kuntrattwali tal-proġetti.

▼B

5. Fejn ikun meħtieġ li ssir devjazzjoni mill-allokazzjoni għal objettiv ta' trasport speċifiku b'iktar minn ħames punti perċentwali, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-perċentwali indikattivi stipulati fil-Parti IV tal-Anness I.

6. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex timmodifika l-lista ta' orjentazzjonijiet ġenerali fil-Parti V tal-Anness I biex jittieħed kont meta jiġu stabbiliti l-kriterji sabiex tiġi riflessa l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' dan ir-Regolament jew konklużjonijiet misluta mill-implimentazzjoni tiegħu. Dan għandu jsir b'tali mod li jkun kompatibbli mal-linji gwida settorjali rispettivi.

Artikolu 22

Responsabbiltà tal-benefiċjarji u tal-Istati Membri

Fl-ambitu tar-responsabbiltjiet rispettivi tagħhom, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jaqgħu fuq benefiċjari taħt il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għotjiet, il-benefiċjarji u l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jimplimentaw il-proġetti ta' interess komuni li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni mogħtija skont dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzjarju ta' azzjonijiet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw li l-ispiża li tkun saret fir-rigward ta' proġetti jew partijiet minnhom tkun tħallset u li l-ħlas ikun sar f'konformità mar-regoli rilevanti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tipparteċipa waqt kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

L-Istati Membri għandhom kull sena jgħarrfu lill-Kummissjoni, jekk ikun rilevanti permezz ta' sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika, dwar il-progress li jkun għaddej fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni u l-investimenti magħmula għal dan l-iskop, inkluż l-ammont ta' għajnuna użata bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi marbuta mat-tibdil fil-klima. Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni għandha tippubblika, u taġġorna għall-inqas kull sena, informazzjoni dwar il-proġetti speċifiċi fil-FNE.

▼M3

Iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu mhix obbligatorja għall-għotjiet jew forom oħra ta' assistenza finanzjarja mogħtija fil-qafas tal-punt (c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 283/2014.

Ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi infurmata annwalment imsemmi fit-tielet paragrafu ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-għotjiet jew forom oħra ta' għajnuna finanzjarja mogħtija fil-qafas tal-punt (c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 283/2014.

▼B

Artikolu 23

Konformità mal-politiki tal-Unjoni u mad-dritt tal-Unjoni

L-azzjonijiet biss li huma f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u li huma f'konformità mal-politiki rilevanti tal-Unjoni għandhom ikunu ffinanzjati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha adatti li jiżguraw li, meta xi azzjonijiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u disważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandhom ikollhom s-setgħa li jagħmlu awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, tal-azzjonijiet tal-benefiċjarji kollha tal-għotjiet ta' flus, korpi ta' implimtenazzjoni, kuntratturi u sottokuntratturi li jkunu irċevew fondi mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament.

3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([2]) bil-għan li tistabilixxi li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim dwar għotja ta' flus jew xi deċiżjoni ta' għotja ta' flus jew xi kuntratt iffinanzjat taħt dan ir-Regolament.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.)

([2]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.)

▼B

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jsiru ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-ftehimiet rigward għotjiet ta' flus u deċiżjonijiet ta' għoti ta' flus u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikollhom dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu tali verifiki u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 25

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Koordinazzjoni tal-FNE. Il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Il-kumitat għandu jiżgura li jkollu stampa ġenerali orizzontali tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 sabiex tkun żgurata l-konsistenza tagħhom u li jiġu identifikati, sfruttati u vvalutati s-sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija Huwa għandu jipprova, b'mod partikolari, jikkoordina dawk il-programmi ta' ħidma bi ħsieb li jippermetti sejħiet multisettorjali għal proposti.

Artikolu 26

Eżerċitar ta' delega

1. Hija mogħtija lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu addottati atti ddelegati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 21 għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 21 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tibda sseħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex tolqot il-validità ta' xi atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 21 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

Artikolu 27

Evalwazzjoni

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-benefiċjarji kkonċernati, għandha tħejji rapport ta' evalwazzjoni biex jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mill-Kummissjoni dwar il-kisba tal-objettivi tal-miżuri kollha (fuq il-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-FNE, fil-perspettiva ta' deċiżjoni li tittieħdet fuq it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni għandha wkoll tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tal-miżuri, jekk l-objettivi kollha għadhomx rilevanti, u l-kontribut tagħhom għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi valutazzjoni tal-ekonomiji ta' skala magħmula mill-Kummissjoni f'livell finanzjarju, tekniku u uman fil-ġestjoni tal-FNE u, fejn applikabbli, tal-għadd totali ta' proġetti li jisfruttaw is-sinerġiji bejn is-setturi. Dik il-valutazzjoni għandha teżamina wkoll kif l-istrumenti finanzjarji jsiru aktar effettivi. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jikkunsidra r-riżultati tal-evalwazzjoni rigward l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.

2. Il-FNE għandha tqis l-evalwazzjoni fuq skala sħiħa indipendenti tal-Inizjattiva tal-Ewropa 2020 tal-Bonds tal-Proġetti, li għandha titwettaq fl-2015. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-rilevanza tal-Inizjattiva tal-Ewropa 2020 tal-Bonds tal-Proġettiu l-effettività tagħha biex iżżid il-volum ta' investiment fi proġetti ta' prijorità u biex issaħħaħ l-effiċjenza tal-infiq tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ex post f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-benefiċjarji. L-evalwazzjoni ex post għandha teżamina l-effikaċja u l-effiċjenza tal-FNE u l-impatt tagħha fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u l-iskala tal-appoġġ li ntuża biex jintlaħqu l-objettivi marbuta mat-tibdil fil-klima, u r-riżultati tiegħu.

4. L-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-progress f'paragun mal-indikaturi ta' prestazzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 3 u 4.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dawk l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mgħejjuna mill-benefiċjarji l-oħra li jista' jkun hemm, jistgħu jwettqu evalwazzjoni tal-metodi ta' twettiq tal-proġetti kif ukoll tal-impatt tal-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jivvalutaw jekk intlaħqux l-objettivi, inklużi dawk relatati mal-ħarsien tal-ambjent.

7. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru kkonċernat bi proġett ta' interess pubbliku sabiex jipprovdi evalwazzjoni speċifika tal-azzjonijiet u l-proġetti b'rabta bejniethom iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jew fejn dan ikun xieraq, sabiex jgħaddilha l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa sabiex titwettaq evalwazzjoni ta' tali proġetti.

▼B

Artikolu 28

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikità

1. Il-benefiċjarji u, fejn hu xieraq, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jassiguraw li ssir pubblikità addattata, u li tiġi applikata trasparenza, għall-għajnuna mogħtija skont dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bir-rwol tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-proġetti.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-proġetti u r-riżultati tal-FNE. Ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni taħt l-Artikolu 5(2) għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 29

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 913/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 huwa b'dan emendat kif ġej:

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 913/2010 huwa sostitwit bit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament. Konsegwentement, il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija riveduti għandhom jibqgħusoġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 913/2010.

Artikolu 30

Dispożizzjonijiet transizzjonali

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, li tinkludi l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sakemm dawn jingħalqu, jew tal-assistenza finanzjarja mogħtija mill-Kummissjoni skont ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010, jew kwalunkwe liġi oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013, li għandha tibqa' tkompli tapplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sakemm dawn jingħalqu.

Artikolu 31

Tħassir

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

PARTI I

LISTA TA' PROĠETTI IDENTIFIKATI BIL-QUDDIEM FIN-NETWERK EWLIENI FIS-SETTUR TAT-TRASPORT

1. **Prijoritajiet Orizzontali**

Ġestjoni u servizzi innovattivi	Ajru Uniku Ewropew – sistema SESAR
Ġestjoni u servizzi innovattivi	Sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi għat-toroq, il-ferroviji, il-passaġġi tal-ilma interni u l-bastimenti (ITS, ERTMS, RIS u VTMIS)
Ġestjoni u servizzi innovattivi	Portijiet marittimi tan-netwerk ewlieni, awtostradi tal-baħar (MoS) u ajruporti, infrastruttura sigura u sikura
Teknoloġiji ġodda u innovazzjoni	Teknoloġiji ġodda u innovazzjoni f'konformità mal-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 13152013

2. **Kurituri fin-netwerk ewlieni**

Baltiku – Adrijatiku

ALLINJAMENT:

Gdynia – Gdańsk – Katowice/Sławków

Gdańsk – Warszawa – Katowice

Katowice – Ostrava – Brno – Wien

Szczecin/Świnoujście – Poznań – Wrocław – Ostrava

Katowice – Žilina – Bratislava – Wien

Wien – Graz – Villach – Udine – Trieste

Udine – Venezia – Padova – Bologna – Ravenna

Graz – Maribor – Ljubljana – Koper/Trieste

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Gdynia - Katowice	Ferrovija	Xogħlijiet
Gdynia, Gdańsk	Port	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Warszawa - Katowice	Ferrovija	Xogħlijiet
Wroclaw – Poznań – Szczecin/Świnoujście	Ferrovija	Xogħlijiet
Świnoujście, Szczecin	Port	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet
Bielsko Biala – Žilina	Triq	Xogħlijiet
Katowice - Ostrava - Brno - Wien & Katowice - Žilina - Bratislava - Wien	Ferrovija	Xogħlijiet, b'mod partikolari sezzjonijiet trans-konfinali PL-CZ, CZ-AT, PL-SK and SK-AT, linja Brno-Přerov; (aktar) żvilupp ta' pjatta-formi multimodali u interkonnessjonijiet ajru-port-ferroviji

▼B

Wien - Graz - Klagenfurt - Udine - Venezja - Ravenna	Ferrovija	Kostruzzjoni parzjali ta' linji ġodda lines (Semmering Base Tunnel u linja Ferrovjarja Koralm), titjib tal-ferrovija; xogħjijiet għandhom għaddejjin; aktar) żvilupp ta' pjattaformi multimodali; titjib tal-linja b'binarju doppju eżistenti bejn Udine - Cervignano u Trieste
Graz – Maribor – Pragersko	Ferrovija	Studji u xogħlijiet għat-tieni binarju
Trieste, Venezia, Ravenna, Koper	Portijiet	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali

Baħar tat-Tramuntana – Baltiku

ALLINJAMENT:

Helsinki – Tallinn – Rīga

Ventspils – Rīga

Rīga – Kaunas

Klaipėda – Kaunas – Vilnius

Kaunas – Warszawa

Fruntiera BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hamburg

Berlin – Magdeburg – Braunschweig – Hannover

Hannover – Bremen – Bremerhaven/Wilhelmshaven

Hannover – Osnabrück – Hengelo – Almelo – Deventer – Utrecht

Utrecht – Amsterdam

Utrecht – Rotterdam – Antwerpen

Hannover – Köln – Antwerpen

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Helsinki - Tallinn	Portijiet, MoS	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali u l-interkonnessjonijiet ta' bejniethom, kapaċità tat-tkissir tas-silġ, MoS
Tallinn - Rīga - Kaunas - Warszawa	Ferrovija	Studji (dettaljati) fuq linja li tkun kompletament interoperabbli tad-daqs UIC il-ġdid; xogħlijiet fuq linja ġdida għandhom jibdew qabel l-2020; titjib u linja ġdida fuq it-territorju PL, ferrovija – interkonnessjonijiet ma' ajruporti/portijiet, terminals ferrovjarji, MoS
Ventspils – Rīga	Ferrovija	Titjib, interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, MoS
Klaipėda – Kaunas	Ferrovija	Titjib, interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, MoS
Kaunas – Vilnius	Ferrovija	Titjib, interkonnessjonijiet ma' ajruporti, terminals ferrovjarji

▼B

Kuritur Via Baltica	Triq	Xogħlijiet għal sezzjonijiet transkonfinali (EE, LV, LT, PL)
Fruntiera BY - Warszawa - Poznań – fruntieri DE	Ferrovija	Xogħlijiet fuq il-linja eżistenti, studji għal ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
fruntiera PL- Berlin - Hannover - Amsterdam/ Rotterdam	Ferrovija	Studji u titijib ta' diversi sezzjonijiet (Amsterdam – Utrecht – Arnhem; Hannover – Berlin)
Wilhelmshaven - Bremerhaven - Bremen	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Berlin - Magdeburg – Hannover, Mittellandkanal, kanali fil-Ġermanja tal-Punent, Rhine, Waal, Noordzeekanaal, IJssel, Twentekanaal	Passaġġi tal-ilma interni	Studji, xogħlijiet għal navigabbiltà aħjar u titjib ta' passaġġi tal-ilma u locks
locks f'Amsterdam & Amsterdam - Rijnkanaal	Passaġġi tal-ilma interni	Locks: għadhom għaddejjin studji; port: interkonnessjonijiet (studji u xogħlijiet, inkluż it-titjib tal-Beatrix lock)

Mediterran

ALLINJAMENT:

Algeciras – Bobadilla –Madrid – Zaragoza – Tarragona

Sevilla – Bobadilla – Murcia

Cartagena – Murcia – Valencia – Tarragona

Tarragona – Barcelona – Perpignan – Marseille/Lyon – Torino – Novara – Milano – Verona – Padova – Venezia – Ravenna/Trieste/Koper – Ljubljana – Budapest

Ljubljana/Rijeka – Zagreb – Budapest – Fruntiera UA

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Algeciras - Madrid	Ferrovija	Studji għaddejjin, xogħlijiet għandhom jitnedew qabel l-2015, għandhom jistlestew sal-2020
Sevilla - Antequera - Granada - Almería - Cartagena - Murcia - Alicante - Valencia	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Madrid-Zaragoza-Barcelona	Ferrovija	Titjib tal-linji ferrovjarji eżistenti (id-daqs, il-binarji, il-pjattaformi)
Valencia - Tarragona - Barcelona	Ferrovija	Bini bejn 2014 – 2020
Barċellona	Port	Interkonnessjonijiet tal-ferrovija mal-port u l-ajruport
Barcelona - Perpignan	Ferrovija	Sezzjoni transkonfinali, xogħlijiet għaddejjin, linja ġdida lesta sal-2015, titjib tal-linja eżistenti (id-daqs, il-binarji, il-pjattaformi)
Perpignan-Montpellier	Ferrovija	Il-bypass Nîmes - Montpellier għandha tkun tintuża fl- 2017, ta' Montpellier - Perpignan għall-2020

▼B

Lyon	Ferrovija	Jittaffew l-konġestjonijiet f'Lyon: studji u xogħlijiet
Lyon – Avignon – Marseille	Ferrovija	Titjib
Lyon - Torino	Ferrovija	Sezzjoni transkonfinali, xogħlijiet fuq mina għall-ferroviji; studji fuq rotot ta' aċċess
Milano - Brescia	Ferrovija	Titjib parzjali tal-linja ferrovjarja b'veloċità qawwija u linja ferrovjarja b'veloċità qawwija parzjalment ġdida
Brescia - Valenzia – Trieste	Ferrovija	Ix-xogħlijiet għandhom jibdew qabel l-2014 f'sinerġija mal-azzjonijiet ta' titjib imwettqa f'firxiet imrikkbin fuq xulxin bħal fil-Kuritur Baltiku Adrijatiku
Milano – Cremona- Mantova – Porto Levante/Venezia – Ravenna/Trieste	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet
Cremona, Mantova, Venezia, Ravenna, Trieste	Portijiet Interni	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Trieste - Divača	Ferrovija	Studji u titjib parzjali għaddejjin; sezzjoni transkonfinali għandha ssir sa wara l-2020
Koper - Divača - Ljubljana – Pragersko	Ferrovija	Studji u titjib/ linja parzjalment ġdida
Rijeka – Zagreb – Budapest	Ferrovija	Studji u xogħlijiet (inklużi l-bini ta' linja ġdida u linja oħra bejn Rijeka u l-fruntiera HU)
Rijeka	Port	Titjib u żvilupp tal-infrastruttura, żvilupp ta' pjattaformi multimodali u interkonnessjonijiet
Ljubljana – Zagreb	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Nodu f'Ljubljana	Ferrovija	Nodu tal-ferrovija f'Ljubljana, li tinkludi pjattaforma multimodali; interkonnessjoni għall-ajruport bil-ferrovija
Pragersko - Zalalövö	Ferrovija	Sezzjoni transkonfinali: studji, xogħlijiet għandhom jibdew qabel l-2020
Lendava - Letenye	Triq	Titjib transkonfinali
Boba- Székesfehérvár	Ferrovija	Titjib
Budapest-Miskolc-fruntiera UA	Ferrovija	Titjib
Vásárosnamény-Fruntiera UA	Triq	Titjib transkonfinali

Orjent/Lvant tal-Mediterran

ALLINJAMENT:

Hamburg – Berlin

Rostock – Berlin – Dresden

Bremerhaven/Wilhelmshaven – Magdeburg – Dresden

▼B

Dresden – Ústí nad Labem – Mělník/Praha – Kolín

Kolín – Pardubice – Brno – Wien/Bratislava – Budapest – Arad – Timişoara – Craiova – Calafat – Vidin – Sofia

Sofia – Plovdiv – Burgas

Plovdiv – fruntiera TR

Sofia – Thessaloniki – Athína – Piraeus – Lemesos – Lefkosia

Athína – Patras/Igoumenitsa

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Dresden - Praha	Ferrovija	Studji għal ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Praha	Ferrovija	Titjib, bypass għat-trasport tal-merkanzija, kollegament għall-ajruport bil-ferrovija
Hamburg – Dresden – Praha – Pardubice	Passaġġi tal-ilma interni	Studji dwar Elbe u Vltava, xogħlijiet għal navigabbiltà aħjar u titjib
Il-magħluqin (locks) ta' Děčín	Passaġġi tal-ilma interni	studji
Praha - Brno - Břeclav	Ferrovija	Titjib, inkluż għajnodu tal-ferrovija f'Brno u pjattaforma multimodali
Břeclav – Bratislava	Ferrovija	Transkonfinali, titjib
Bratislava – Hegyeshalom	Ferrovija	Transkonfinali, titjib
Mosonmagyaróvár – Fruntiera SK	Triq	Titjib transkonfinali
Tata – Biatorbágy	Ferrovija	Titjib
Budapest – Arad – Timişoara – Calafat	Ferrovija	Titjib fl-HU kważi lest, għadu għaddej fir-RO
Vidin – Sofia – Burgas/fruntiera TR Sofia – Thessaloniki – Athína /Piraeus	Ferrovija	Studji u xogħlijiet Vidin – Sofia – Thessaloniki - Athína; titjib Sofia – Burgas/fruntiera TR
Vidin – Craiova	Triq	Titjib transkonfinali
Thessaloniki, Igoumenitsa	Port	Titjib u żvilupp tal-infrastruttura, interkonnessjonijiet multimodali
Athína /Piraeus/Heraklion – Lemesos	Portijiet, MoS	Kapaċità tal-port u interkonnessjonijiet multimodali
Lemesos – Lefkosia	Portijiet, pjattaformi multimodali	Titjib tal-interkonnessjonijiet modali, inkluż Lefkosia south orbital, studji u xogħlijiet, sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku
Lefkosia – Larnaca	Pjattaformi multimodali	Interkonnessjonijiet multimodali u sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi

▼B

Patras	Port	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Athína - Patras	Ferrovija	Studji u xogħlijiet, interkonnessjonijiet bejn il-portijiet

Skandinavja – Mediterran

ALLINJAMENT:

Fruntiera RU – Hamina/Kotka – Helsinki – Turku/Naantali – Stokkolma – Malmö

Oslo – Göteborg – Malmö – Trelleborg

Malmö – København – Kolding/Lübeck – Hamburg – Hannover

Bremen – Hannover – Nürnberg

Rostock – Berlin – Leipzig – München

Nürnberg – München – Innsbruck – Verona – Bologna – Ancona/Firenze

Livorno/La Spezia – Firenze – Roma – Napoli – Bari – Taranto – Valletta

Napoli – Gioia Tauro – Palermo/Augusta – Valletta

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Hamina/Kotka – Helsinki	Port, Ferrovija	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, titjib tal-ferrovija, kapaċitajiet ta' tkissir tas-silġ
Helsinki	Ferrovija	Konnessjoni ajruport-ferrovija
Fruntiera RU – Helsinki	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Helsinki – Turku	Ferrovija	Titjib
Turku/Naantali – Stokkolma	Portijiet, MoS	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, kapaċità ta' tkissir tas-silġ
Stokkolma - Malmö (Triangolu tat-Tramuntana)	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin fuq taqsimiet speċifici
Trelleborg - Malmö – Göteborg – Fruntiera NO	Ferrovija, portijiet, MoS	Xogħlijiet, pjattaformi multimodali u konnessjonijiet bejn il-portijiet f'żoni interni
Fehmarn	Ferrovija	Studji għaddejjin, xogħlijiet fuq bini ta' linja fissa li tgħaqqad il-Fehmarn Belt li tibda' fl-2015
København - Hamburg tgħaddi minn Fehmarn: rotot ta' aċċess	Ferrovija	Rotot ta' aċċess għal DK li għandhom jitlestew sal-2020, rotot ta' aċċess għal DE li għandhom jitlestew f'2 passi: elettrifikazzjoni fuq binarju wieħed mat-tlestija tal-kollegament fiss u fuq żewġ binarji seba' snin aktar tard
Rostock	Portijiet, MoS	Interkollegamenti bejn il-portijiet u l-ferroviji; bastimenti b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju; kapaċità tat-tkissir tas-silġ
Rostock - Berlin - Nürnberg	Ferrovija	Studji u titjib
Hamburg/Bremen - Hannover	Ferrovija	Studji għaddejjin

▼B

Halle – Leipzig – Nürnberg	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin, għandhom jitlestew sal-2017
München – Wörgl	Ferrovija	Aċċess għall-mina ta' Brenner li tinfed minn ġo muntanja u sezzjoni transkonfinali: studji
Mina ta' Brenner li tinfed minn ġo muntanja	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Fortezza - Verona	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Napoli - Bari	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Napoli – Reggio Calabria	Ferrovija	Titjib
Verona – Bologna	Ferrovija	Titjib għadu għaddej
Ancona, Napoli, Bari, La Spezia, Livorno	Portijiet	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Messina - Catania – Augusta/ Palermo	Ferrovija	Titjib (fis-sezzjonijiet li fadal)
Palermo/Taranto - Valletta/ Marsaxlokk	Portijiet, MoS	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet
Valletta - Marsaxlokk	Port, ajruport	Titjib ta' interkonnessjoni modali, inkluża Marsaxlokk-Luqa-Valletta
Bologna – Ancona	Ferrovija	Titjib

Rhine – Alpin

ALLINJAMENT:

Genova – Milano – Lugano – Basel

Genova – Novara – Brig – Bern – Basel – Karlsruhe – Mannheim – Mainz – Koblenz – Köln

Köln – Düsseldorf – Duisburg – Nijmegen/Arnhem – Utrecht – Amsterdam

Nijmegen – Rotterdam – Vlissingen

Köln – Liège – Bruxelles/Brussel – Gent

Liège – Antwerpen – Gent – Zeebrugge

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Genova	Port	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet
Genova - Milano/Novara – fruntiera mal-CH	Ferrovija	Studji; xogħlijiet li ser jibdew qabel l-2020
Basel – Antwerpen/ Rotterdam - Amsterdam	Passaġġi tal-ilma interni	Xogħlijiet għal navigabbiltà aħjar
Karlsruhe - Basel	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Frankfurt - Mannheim	Ferrovija	Studji għaddejjin
Liège	Ferrovija	Konnessjoni ferrovjarja bejn il-port u l-ajruport
Rotterdam – Zevenaar	Ferrovija	Studji għaddejjin, titjib

▼B

Zevenaar - Emmerich - Oberhausen	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Zeebrugge – Gent – Antwerpen - Fruntiera DE	Ferrovija	Titjib

l-Atlantiku

ALLINJAMENT:

Algeciras – Bobadilla – Madrid

Sines / Lisboa – Madrid – Valladolid

Lisboa – Aveiro – Leixões/Porto

Aveiro – Valladolid – Vitoria – Bergara – Bilbao/Bordeaux – Paris – Le Havre/Metz – Mannheim/Strasbourg

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Ferrovija li timxi b'veloċità qawwija Sines/Lisboa - Madrid	Ferrovija, portijiet	Studji u xogħlijiet għaddejjin, titjib tal-interkonnessjoni modali mal-portijiet ta' Sines/Lisboa
Ferrovija li timxi b'veloċità qawwija Porto - Lisboa	Ferrovija	Studji għaddejjin
Konnessjoni ferrovjarja Aveiro – Salamanca – Medina del Campo	Ferrovija	Bejn il-fruntieri: xogħlijiet għaddejjin
Konnessjoni ferrovjarja Bergara - San Sebastián - Bayonne	Ferrovija	Tlestija fi ES mistennija sal-2016, fi FR sal-2020
Bayonne - Bordeaux	Ferrovija	Konsultazzjoni pubblika għaddejja
Bordeaux - Tours	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Paris	Ferrovija	Bypass li tippermetti veloċità qawwija lejn in-naħa t'isfel
Baudrecourt - Mannheim	Ferrovija	Titjib
Baudrecourt - Strasbourg	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin, għandhom jitlestew sal-2016
Le Havre - Paris	Passaġġi tal-ilma interni	Titjib
Le Havre - Paris	Ferrovija	Studji, titjib
Le Havre	Port, Ferrovija	Studji u xogħlijiet fuq il-kapaċità tal-port, MoS u interkonnessjonijiet

il-Baħar tat-Tramuntana – il-Mediterran

ALLINJAMENT:

Belfast – Baile Atha Cliath/Dublin – Corcaigh/Cork

Glasgow/Edinburgh – Liverpool/Manchester – Birmingham

Birmingham – Felixstowe/London /Southampton

London – Lille – Brussel/Bruxelles

▼B

Amsterdam – Rotterdam – Antwerpen – Brussel/Bruxelles – Luxembourg

Luxembourg – Metz – Dijon – Macon – Lyon – Marseille

Luxembourg – Metz – Strasbourg – Basel

Antwerpen/Zeebrugge – Gent – Dunkerque/Lille – Paris

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Corcaigh/Cork - Dublin - Baile Átha Cliath/Belfast	Ferrovija	Studies and works; Baile Átha Cliath/Dublin Interconnector (DART);
Belfast	Portijiet, pjattaformi multimodali	Titjib
Glasgow - Edinburgh	Ferrovija	Titjib
Manchester – Liverpool	Ferrovija	Titjib u elettrifikazzjoni, inkluż in-Northern Hub
Birmingham – Reading – Southampton	Ferrovija	Titlib tal-linja għat-trasport tal-merkanzija
Baile Átha Cliath/Dublin, Corcaigh/Cork, Southampton	Portijiet, Ferrovija	Studji u xogħlijiet fuq il-kapaċità tal-port, MoS u interkonnessjonijiet
Dunkerque	Port	Aktar żvilupp ta' pjattaformi multimodali u interkonnessjonijiet
Calais - Paris	Ferrovija	Studji preliminari
Bruxelles/Brussel	Ferrovija	Studji u xogħlijiet (konnessjoni mit-Tramuntana għan-Nofsinhar konvenzjonali u ta' veloċità għolja)
Felixstowe – Midlands	Ferrovija, port, pjattaformi multimodali	Titjib tal-ferrovija, interkonnessjonijiet bejn il-portijiet u pjattaformi multimodali
Maas, inkluż Maaswerken	Passaġġi tal-ilma interni	Titjib
Albertkanaal/ Canal Bocholt-Herentals	Passaġġi tal-ilma interni	Titjib
Kuritur Rhine-Scheldt: Volkeraklock u Kreekaklock, Krammerlock u Lock Hansweert	Passaġġi tal-ilma interni	Locks: għadhom għaddejjin studji
Terneuzen	Marittimu	Locks: għadhom għaddejjin studji; xogħlijiet
Terneuzen - Gent	Passaġġi tal-ilma interni	Studji, titjib
Zeebrugge	Port	Locks: studji, interkonnessjonijiet (studji u xogħlijiet)
Antwerpen	Marittimu, port, ferrovija	Locks: għadhom għaddejjin studji; port: interkonnessjonijiet (inkluż it-tieni aċċess ferrovjarju għall-port ta' Antwerpen)
Rotterdam - Antwerpen	Ferrovija	Titjib fil-linja ferrovjarja għall-ġarr tal-merkanzija

▼B

Canal Seine Nord; Seine - Escaut	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet; titjib inkluži konnessjonijiet transkonfinali u multimodali
Dunkerque – Lille	Passaġġi tal-ilma interni	Studji għaddejjin
Antwerpen, Bruxelles/Brussels, Charleroi	Passaġġi tal-ilma interni	Titjib
Titjib fil-passaġġi tal-ilma f'Wallonia	Passaġġi tal-ilma interni	Studji, titjib, konnessjonijiet intermodali
Brussel/Bruxelles - Luxembourg - Strasbourg	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Antwerp – Namur - Fruntiera LUX – Fruntiera FR	Ferrovija	Titlib tal-linja ferrovjarja għall-ġarr tal-merkanzija
Strasbourg - Mulhouse - Basel	Ferrovija	Titjib
Konnessjonijiet Ferrovjarji Luxembourg - Dijon - Lyon (TGV Rhin - Rhône)	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Lyon	Ferrovija	Bypass tal-Lvant: studji u xogħlijiet
Canal Saône - Moselle/Rhin	Passaġġi tal-ilma interni	Studji preliminari għaddejjin
Rhône	Passaġġi tal-ilma interni	Titjib
Port ta' Marseille-Fos	Port	Interkonnessjonijiet u terminali multimodali
Lyon - Avignon - Port de Marseille - Fos	Ferrovija	Titjib

Rhine – Danubju

ALLINJAMENT:

Strasbourg – Stuttgart – München – Wels/Linz

Strasbourg – Mannheim – Frankfurt – Würzburg – Nürnberg – Regensburg – Passau – Wels/Linz

München/Nürnberg – Praha – Ostrava/Přerov – Žilina – Košice – fruntiera UA

Wels/Linz – Wien – Bratislava – Budapest – Vukovar

Wien/Bratislava – Budapest – Arad – Braşov/Craiova – Bucureşti – Constanţa – Sulina

SEZZJONIJIET IDENTIFIKATI MINN QABEL INKLUŻI PROĠETTI:

Konnessjoni ferrovjarja Strasbourg - Kehl Appenweier	Ferrovija	Wogħlijiet fuq l-interkonnessjoni ma' Appenweier
Karlsruhe - Stuttgart - München	Ferrovija	Studji u xogħlijiet għaddejjin
Ostrava/ Přerov – Žilina – Košice – fruntiera UA	Ferrovija	Titjib, pjattaformi multimodali

▼B

Zlín – Žilina	Triq	Sezzjoni transkonfinali tat-triq
München – Praha	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Nürnberg – Praha	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
München - Mühldorf - Freilassing - Salzburg	Ferrovija	Studji u xogħlijiet għaddejjin
Salzburg - Wels	Ferrovija	Studji
Nürnberg - Regensburg - Passau - Wels	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Konnessjoni ferrovjarja Wels - Wien	Ferrovija	Mistennija titlesta sal-2017
Wien – Bratislava / Wien – Budapest / Bratislava – Budapest	Ferrovija	Studji dwar ferrovija b'veloċità għolja (inkluż l-allinjament tal-konnessjonijiet bejn it-tliet ibliet)
Budapest - Arad	Ferrovija	Studji għal netwerk ta' veloċità qawwija bejn Budapest u Arad
Komárom – Komárno	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet għal pont transkonfinali
Arad - Braşov - Bucureşti - Constanţa	Ferrovija	Titjib ta' sezzjonijiet speċifiċi; studji dwar veloċità għolja
Main – Main-Donau-Canal	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet fuq bosta sezzjonijiet u fejn hemm il-konġestjonijiet; portijiet ta' ilmijiet interni: interkonnessjonijiet multimodali bil-ferrovija
Slavonski Brod	Port	Studji u xogħlijiet
Giurgiu, Galaţi	Pport	Aktar żvilupp tal-pjattaformi u l-konnessjonijiet multimodali ma' żoni interni fil-pajjiż: studji u xogħlijiet
Danubju (Kehlheim - Constanţa/Midia/Sulina)	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet fuq bosta sezzjonijiet u fejn hemm il-konġestjonijiet; portijiet ta' ilmijiet interni: interkonnessjonijiet multimodali
Sava	Passaġġi tal-ilma interni	Studji u xogħlijiet fuq bosta sezzjonijiet u fejn hemm il-konġestjonijiet (inkluż pont transkonfinali)
Bucureşti – Dunăre Canal	Passaġġi tal-ilma interni	Studji & xogħlijiet
Constanţa	Port, MoS	Interkonnessjonijiet bejn il-portijiet, MoS (inkluż servizzi tat-tkissir tas-silġ)
Craiova – Bucureşti	Ferrovija	Studji u xogħlijiet

3. **Sezzjonijiet Oħra fin-Netwerk Ewlieni**

Sofia għall-fruntiera mal-FYROM	Transkonfinali	Ferrovija	Studji għaddejjin
Sofia għall-fruntiera mas-Serbja	Transkonfinali	Ferrovija	Studji għaddejjin
Timişoara – fruntiera mas-Serbja	Transkonfinali	Ferrovija	Studji għaddejjin
Wrocław – Praha	Transkonfinali	Ferrovija	Studji

▼B

Nowa Sól – Hradec Králové	Transkonfinali	Triq	Xogħlijiet
Brno – fruntiera mal-AT	Transkonfinali	Triq	Titjib
Budapest – Zvolen	Transkonfinali	Triq	Titjib
Budapest – Fruntiera mas-SRB	Transkonfinali	Ferrovija	Studji
Kuritur ta' Botnija: Luleå – Oulu	Transkonfinali	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Iaşi- fruntiera MD border	Transkonfinali	Ferrovija	Studji għaddejjin u xogħlijiet
Fruntiera Suceava-UA border	Transkonfinali	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Proġetti Prijoritarji kif definiti fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (Praha - Linz, Ferrovija Ġdida ta' kapaċità Għolja: Passaġġ ta' qsim Ċentrali Trans-Pirinej, "Iron Rhine" (Rheidt-Antwerpen))	Transkonfinali	Ferrovija	Studji għaddejjin
Târgu Neamt–Ungheni	Transkonfinali	Triq	Titjib
Marijampolė-Kybartai (fruntiera LT/RU)	Transkonfinali	Triq	Titjib
Vilnius-fruntiera LT/BY	Transkonfinali	Triq	Titjib
Ioannina – Kakavia (fruntiera EL/AL)	Transkonfinali	Triq	Studji
Kleidi – Polikastro – Evzonoi (fruntiera EL/FYROM)	Transkonfinali	Triq	Titjib
Serres – Promahonas – fruntiera EL/BG	Transkonfinali	Triq	Xogħlijiet għaddejjin
Alexandroupoli – Kipoi fruntiera EL/TR	Transkonfinali	Triq	Studji u xogħlijiet
Dubrovnik – fruntiera HR/ME	Transkonfinali	Triq	Xogħlijiet
Kędzierzyn Koźle – Chałupki-granica	Transkonfinali	Ferrovija	Xogħlijiet
A Coruña - Vigo - Palencia Gijón - Palencia	Konġestjoni	Ferrovija, MoS	Xogħlijiet għaddejjin (inklużi portijiet u pjatta-formi multimodali)
Frankfurt – Fulda – Erfurt – Berlin	Konġestjoni	Ferrovija	Studji
Ferrovija Egnatia	Konġestjoni	Ferrovija	Studji għaddejjin
Sundsvall – Umeå – Luleå	Konġestjoni	Ferrovija	Sudji u xogħlijiet
Zagreb – fruntiera SR	Konġestjoni	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
A Coruña - Madrid (servizz tal-passiġġieri ta' veloċità qawwija)	Konġestjoni	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin

▼B

Stokkolma – Gävle – Sundsvall	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Xogħlijiet
Mjölby – Hallsberg – Gävle	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Xogħlijiet
Botnia – Kiruna – fruntiera man-NO	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Milford Haven – Swansea – Cardiff	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib
Konnessjoni ferrovjarja Sionainn/Shannon Faing/ Foynes - Gabhal Luimnigh/ Limerick junction	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji
Veloċità Għolja 2	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji u xogħlijiet għal linja ta' veloċità għolja Londra – Midlands
Fruntiera mal-UA – Kraków – Katowice – Wrocław – Dresden	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Xogħlijiet
Riga – fruntiera RU/BY	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib
Vilnius – fruntiera mal-BY	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib, interkonnessjoni ma’ ajruport
Kybartai – Kaunas	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib
Tallinn – Tartu – Koidula – fruntiera RU	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib
Marseille – Toulon – Nice – Ventimiglia – Genova	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Bordeaux – Toulouse	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Helsinki – Oulu	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib ta' xi sezzjonijiet
Bilbao – Pamplona – Zaragoza – Sagunto	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Brunsbüttel - Kiel (kanal ta' Nord-Ostsee)	Netwerk ewlieni ieħor	Passaġġi tal-ilma interni	Ottimizzazzjoni tal-istatus ta' navigazzjoni
Cardiff - Bristol - Londra	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib, inkluż Crossrail
Alba-Iulia – Turda – Dej – Suceava – Pașcani – Iași	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
București - Buzău	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib u tiswija fl-infrastruttura ferrovjarja, u konnessjonijiet ma' żoni interni fil-pajjiż
żona tar-Ruhr - Münster - Osnabrück - Hamburg	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib tas-sezzjoni Münster - Lünen (linja ferrovjarja doppja)

▼B

Nantes - Tours - Lyon	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji u xogħlijiet
Ploieşti-Suceava	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Studji
Heraklion	Netwerk ewlieni ieħor	Ajruport, sistemi/ infrastruttura tat-trasport ikkombinati	Studji u xogħlijiet ta' kostruzzjoni, infrastruttura ta' titjib u żvilupp, interkonnessjonijiet multimodali
Huelva – Sevilla	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Xogħlijiet għaddejjin
Fredericia-Frederikshavn	Netwerk ewlieni ieħor	Ferrovija	Titjib, inkluż elettrifikazzjoni
Barcelona – Valencia – Livorno	Netwerk ewlieni ieħor	MoS	Titjib

PARTI II

LISTA TA' KURITURI U OQSMA INFRASTRUTTURALI TA' PRIJORITÀ Fis-settur TAL-ENERĠIJA

1. **Kurituri prijoritarji tal-elettriku**

(1) Il-grid barra mill-kosta tal-Ibħra tat-Tramuntana ("NSOG" — Northern Seas Offshore Grid): l-iżvilupp ta' grid tal-elettriku integrata barra mill-kosta u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Irlandiż, il-Kanal Ingliż, il-Baħar Baltiku u l-ilmijiet fil-viċin għat-trasport tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli barra mill-kosta lejn ċentri ta' konsum u ħżin u għaż-żieda tal-iskambju tal-elettriku transkonfinali.

Stati Membri kkonċernati: Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, ir-Renju Unit;

(2) Interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa ("NSI West Electricity"): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri tar-reġjun u maż-żona tal-Mediterran, inkluża l-peniżola Iberika, speċjalment biex jintegraw l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jsaħħu l-infrastrutturi tal-grids interni biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun.

Stati Membri kkonċernati: L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, Malta, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit;

(3) Interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa ("NSI East Electricity"): interkonnessjonijiet u linji interni mit-Tramuntana għal Nofsinhar u mil-Lvant għall-Punent biex jikkompletaw is-suq intern u jintegraw il-ġenerazzjoni minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Stati Membri kkonċernati: L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja;

(4) Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija fl-elettriku (Baltic Energy Market Interconnection Plan "BEMIP Electricity"): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri fir-reġjun Baltiku u r-rinfurzar ta' infrastrutturi tal-grid interni skont dan, biex jintemm l-iżolament tal-Istati Baltiċi u biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq, fost affarijiet oħra billi jkun hemm ħidma lejn l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fir-reġjun;

Stati Membri kkonċernati: Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Isvezja.

▼B

2. **Kurituri prijoritarji tal-gass**

(1) Interkonnessjonijiet tal-gass Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa (“NSI West Gas”): infrastruttura tal-gass għal flussi tal-gass Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa biex ikomplu jiddiversifikaw ir-rotot tal-provvista u biex tiżdied il-kapaċità ta’ kunsinna ta’ gass fi żmien qasir.

Stati Membri kkonċernati: Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit;

(2) Interkonnessjonijiet tal-gass Tramuntana-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fix-Xlokk tal-Ewropa (“NSI East Gas”): infrastruttura tal-gass għall-konnessjonijiet tal-gass reġjonali bejn ir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Baħar Adrijatiku u dak tal-Eġew, il-Baħar Mediterran tal-Lvant u l-Baħar l-Iswed u biex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvista tal-gass;

Stati Membri kkonċernati: L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja;

(3) Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar (“SGC”): infrastruttura għat-trasmissjoni ta’ gass mill-Baċir tal-Kaspju, l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani u l-Baċir Mediterranju tal-Lvant lill-Unjoni, sabiex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass.

Stati Membri kkonċernati: L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Greċja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja;

(4) Pjan ta’ Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija fil-gass (“BEMIP Gas”): infrastruttura tal-gass li ttemm l-iżolament tat-tliet Stati Baltiċi u l-Finlandja u d-dipendenza tagħhom fuq fornitur wieħed, li ssaħħaħ l-infrastrutturi tal-grids interni u li żżid id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvisti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;

Stati Membri kkonċernati: Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Isvezja.

3. **Oqsma tematiċi prijoritarji**

(1) Użu tal-grids intelliġenti: adozzjoni ta’ teknoloġiji ta’ grids intelliġenti fl-Unjoni li jintegraw b’mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha għan-netwerk tal-elettriku, b’mod partikolari l-ġenerazzjoni ta’ ammonti kbar ta’ elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons għad-domanda mill-konsumaturi;

Stati Membri kkonċernati: kollha;

(2) Awtostradi tal-elettriku: l-ewwel awtostradi tal-elettriku sal-2020, bil-għan li tinbena sistema ta’ awtostradi tal-elettriku fl-Unjoni li hija kapaċi:

(a) takkomoda l-ġenerazzjoni żejda tal-enerġija mir-riħ li qiegħda dejjem tiżdied fil-Baħar tat-Tramuntana u dak Baltiku u madwarhom u żżid il-ġenerazzjoni ta’ enerġija rinnovabbli fil-Lvant u t-Tramuntana tal-Ewropa kif ukoll fl-Afrika ta’ Fuq;

(b) torbot dawn iċ-ċentri ġodda ta’ ġenerazzjoni mal-kapaċitajiet ta’ ħżin importanti fil-pajjiżi Nordiċi, fl-Alpi u f’reġjuni oħra b’ċentri ta’ konsum ewlenin, u

(c) tlaħħaq ma’ provvista tal-elettriku dejjem iżjed varjabbli u deċentralizzata u ma’ domanda flessibbli għall-elettriku;

Stati Membri kkonċernati: kollha;

▼B

(3) Netwerk transkonfinali tad-diossidu tal-karbonju: żvilupp ta' infrastruttura għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi tal-viċinat bil-għan li jiġu attivati l-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju.

Stati Membri kkonċernati: kollha.

PARTI III

TERMINI, KUNDIZZJONIJIET U PROĊEDURI TA' STRUMENTI FINANZJARJI

Għan u raġunament

L-għan tal-istrumenti finanzjarji taħt il-FNE huwa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-proġetti ta' infrastruttura għall-finanzjament tal-proġetti u korporattiv billi l-finanzjament tal-Unjoni jintuża bħala ingranaġġ.

L-istrumenti finanzjarji għandhom jgħinu biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud Ewropew ċar, u jiffaċilitaw aktar involviment mis-settur privat fil-finanzjament fit-tul ta' proġetti bħal dawn fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija inkluż netwerks ta' broadband.

L-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perijodu medju jew twil u għandhom jipproduċu benefiċċji akbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Huma għandhom jipprovdu lil partijiet interessati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, amministratturi tal-infrastruttura, kumpanniji ta' kostruzzjoni u operaturi sett ta' għodod ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni orjentat għas-suq u koerenti.

L-istrumenti finanzjarji għandhom jikkonsistu fi:

(a) strument għal self u garanziji faċilitat minn strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, minn mekkaniżmi ta' tisħiħ tal-kreditu sa bonds tal-proġetti ('Strument tad-Dejn'); u

(b) strument għall-ekwità ('Strument ta' Ekwità),

li għandu jgħin biex jingħelbu r-restrizzjonijiet tas-suq billi jittejbu l-finanzjament u/jew il-profili ta' riskju tal-investimenti ta' infrastruttura. Dan, minnu nnifsu, għandu jsaħħaħ l-aċċess ta' ditti u benefiċjarji oħrajn għal self, garanziji, ekwità u għamliet oħra ta' finanzjament privat.

Qabel il-finalizzazzjoni tat-tfassil tal-Istrumenti tad-Dejn u l-Ekwità, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ex-ante f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Evalwazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji komparabbli eżistenti għandhom, fejn xieraq, jikkontribwixxi għal dik il-valutazzjoni.

I. **Strument tad-dejn**

1. *Dispożizzjonijiet ġenerali*

Il-mira tal-Istrument tad-Dejn għandha tkun li jagħti kontribut biex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-swieq Ewropej tal-kapital tad-dejn billi tiġi offruta l-kondiviżjoni tar-riskji għall-finanzjament tad-dejn. Il-finanzjament tad-dejn għandu jiġi pprovdut minn entitajiet fdati jew strumenti ta' investiment dedikati fl-għamla ta' dejn jew garanziji superjuri (tal-ogħla livell ta' prijorità) u dawk subordinati (ta' livell aktar baxx ta' prijorità).

▼B

L-Istrument tad-Dejn għandu jikkonsisti fi strument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji u fl-Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti. Il-promoturi tal-proġetti, jistgħu, barra minn hekk, ifittxu finanzjament ta' ekwità skont l-Istrument ta' Ekwità.

a. Strument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji

L-istrument ta' kondiviżjoni tar-riskji għas-self u l-garanziji għandu jitfassal biex joħloq kapaċità addizzjonali ta' riskji fl-entitajiet fdati. Dan għandu jippermetti lill-entitajiet fdati biex jipprovdu dejn subordinat u dejn superjuri finanzjat u mhux finanzjat lil proġetti u korporattivi sabiex jiġi faċilitat l-aċċess tal-promoturi għall-finanzjament tal-banek. Jekk il-finanzjament tad-dejn ikun subordinat, huwa ser jiġi kklassifikat wara d-dejn superjuri iżda qabel il-finanzjament ta' ekwità u dak relatat marbut ma' ekwità.

Il-finanzjament tad-dejn subordinat mhux finanzjat m' għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ.

Il-finanzjament tad-dejn superjuri previst taħt l-Istrument tad-Dejn m'għandux jaqbeż il-50 % tal-ammont totali tal-finanzjament totali tad-dejn superjuri previst mill-entità fdata jew l-istrument ta' investiment dedikat.

b. Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti

L-istrument ta' kondiviżjoni tar-riskji għall-bonds tal-proġetti għandu jitfassal bħala finanzjament ta' dejn subordinat sabiex jiġi faċilitat il-finanzjament għall-kumpanniji tal-proġetti li qed jiġbru dejn superjuri fl-għamla ta' bonds. Dan l-istrument għat-tisħiħ tal-kreditu għandu jkollu l-mira li jgħin biex id-dejn superjuri jikseb klassifikazzjoni tal-kreditu tal-grad ta' investiment.

Huwa ser jiġi kklassifikat wara d-dejn superjuri iżda qabel il-finanzjament marbut ma' ekwità.

Il-finanzjament tad-dejn subordinat m'għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ.

2. *Parametri finanzjarji u ingranaġġ*

Il-parametri tal-kondiviżjoni tar-riskji u d-dħul ser ikunu stabbiliti b'tali mod li jistgħu jinkisbu l-objettivi speċifiċi ta' politika, inkluż li jkunu fil-mira kategoriji partikolari ta' proġetti, filwaqt li jiġi ppreservat l-approċċ orjentat lejn is-suq tal-Istrument tad-Dejn.

L-ingranaġġ mistenni tal-Istrument tad-Dejn — iddefinit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet minn sorsi finanzjarji oħrajn) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni — għandu jkun mistenni li jvarja minn 6 sa 15, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (livell ta' riskju, benefiċjarji mmirati, u l-finanzjament tad-dejn ikkonċernat).

3. *Kombinazzjoni ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament*

Il-finanzjament mill-Istrument tad-Dejn jista' jiġi kkombinat ma' kontribuzzjonijiet baġitarji mwarrba (ring-fenced) oħrajn elenkati hawn taħt, soġġett għar-regoli stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-bażi legali rilevanti:

(a) partijiet oħra tal-FNE;

(b) strumenti, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni;

(c) l-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li jixtiequ jikkontribwixxu r-riżorsi tagħhom jew riżorsi disponibbli mill-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni mingħajr ma jbiddlu n-natura tal-istrument.

▼B

4. *Implimentazzjoni*

Entitajiet fdati

L-entitajiet fdati għandhom jintgħażlu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

L-implimentazzjoni taħt il-mod ta' ġestjoni indiretta tista' tieħu l-forma ta' mandati diretti għall-entitajiet fdati. Għal strumenti taħt mandati diretti (jiġifieri bil-mod ta' ġestjoni indiretta), l-entitajiet fdati għandhom jamministraw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument tad-Dejn u għandhom ikunu sħab fil-kondiviżjoni tar-riskji.

Barra minn hekk, il-ħolqien ta' strumenti dedikati ta' investiment jista' jiġi previst biex jippermetti l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn diversi investituri. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiġi subordinata għal dik ta' investituri oħrajn.

Tfassil u implimentazzjoni

It-tfassil għandu jkun allinjat mad-dispożizzjonijiet ġenerali għall-istrumenti finanzjarji li jinsabu fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

It-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn, inkluż il-monitoraġġ u l-kontroll, għandhom jiġu stipulati fi ftehim bejn il-Kummissjoni u entità fdata rispettiva, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Kont fiduċjarju

L-entità fdata għandha tiftaħ kont fiduċjarju biex iżomm il-kontribuzzjoni tal-Unjoni u d-dħul li jirriżulta mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

5. *L-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tintuża biex:

(a) għall-proviżjonijiet għar-riskji;

(b) biex tkopri l-ħlasijiet maqbula u l-ispejjeż assoċjati mal-ħolqien u l-ġestjoni tal-Istrument tad-Dejn, inkluż l-evalwazzjoni u l-azzjonijiet ta' appoġġ tiegħu, li ġew determinati f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-prattika tas-suq. Il-ħlasijiet amministrattivi u bbażati fuq il-prestazzjoni li għandhom jitħallsu lill-entità fdata m'għandhomx jaqbżu t-2 % u t-3 % rispettivament tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni effettivament użata għal operazzjonijiet individwali, abbażi ta' metodoloġija maqbula msejsa fuq l-ispejjeż bejn il-Kummissjoni u l-entitajiet fdati;

(c) għal azzjonijiet ta' appoġġ marbuta direttament.

6. *Prezzijiet, kondiviżjoni tar-riskji u tad-dħul*

L-Istrumenti tad-Dejn għandu jkollhom prezz, li għandu jiġi impost fuq il-benefiċjarju, f'konformità mar-regoli u l-kriterji rilevanti tal-entitajiet fdati jew l-istrumenti ta' investiment dedikati u f'konformità mal-aħjar prattiki tas-suq.

Fir-rigward ta' mandati diretti għal entitajiet fdati, ix-xejra ta' kondiviżjoni tar-riskji għandha tiġi riflessa f'kondiviżjoni kif xieraq bejn l-Unjoni u l-entità fdata tar-rimunerazzjoni għar-riskju imposta mill-entità fdata fuq dawk li jissellfu mingħandha.

Fir-rigward ta' strumenti ta' investiment dedikati, ix-xejra ta' kondiviżjoni tar-riskji għandha tiġi riflessa f'kondiviżjoni kif xieraq bejn l-Unjoni u l-investituri l-oħra tar-rimunerazzjoni għar-riskju imposta mill-istrument ta' investiment dedikat fuq dawk li jissellfu mingħandu.

▼B

Minkejja x-xejra ta' kondiviżjoni tar-riskji magħżula, l-entità fdata għandha dejjem tikkondividi porzjon tar-riskju definit u għandha dejjem tħallas għas-segment sħiħ ta' riskju residwali.

Ir-riskju massimu kopert mill-baġit tal-Unjoni m'għandux jaqbeż 50 % tar-riskju tal-portafoll tad-dejn fil-mira taħt l-istrument tad-dejn. Il-limitu massimu tat-teħid ta' riskji ta' 50 % għandu japplika għad-daqs fil-mira tal-istrumenti dedikati ta' investiment.

7. *Proċedura ta' applikazzjoni u approvazzjoni*

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-entità fdata jew strument ta' investiment dedikat, rispettivament, f'konformità mal-proċeduri ta' applikazzjoni standard tagħhom. L-entitajiet fdati u l-istrumenti ta' investiment dedikati għandhom japprovaw il-proġetti f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom.

8. *Tul taż-żmien tal-Istrument tad-Dejn*

L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument tad-Dejn għandu jkun impenjat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni proprja tal-finanzjament tad-dejn mill-entitajiet fdati jew l-istrumenti ta' investiment dedikati għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022.

9. *Skadenza*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokata lill-Istrument tad-Dejn għandha tiġi rimborsata lill-kont fiduċjarju rilevanti kif jiskadi jew jerġa' jitħallas il-finanzjament tad-dejn. Il-kont fiduċjarju għandu jżomm finanzjament li jkun biżżejjed biex ikopri l-ħlasijiet jew ir-riskji relatati mal-Istrument tad-Dejn sa ma jiskadi.

10. *Rapportar*

Il-metodi ta' rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn għandu jintlaħaq qbil dwarhom mill-Kummissjoni fil-ftehim u l-entità fdata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, bl-appoġġ tal-entitajiet fdati, tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-2023 dwar l-implimentazzjoni, il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq għall-użu tal-istrument, il-proġetti aġġornati u s-sensiela ta' proġetti inklużi tagħrif dwar proġetti fi stadji differenti tal-proċedura filwaqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità u l-informazzjoni sensittiva tas-suq f'konformità mal-Artikolu 140(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

11. *Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni*

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn, inklużi permezz ta' kontrolli fuq il-post kif xieraq, u għandha twettaq verifika u kontrolli f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

12. *Azzjonijiet ta' Appoġġ*

L-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn tista' tiġi appoġġata minn sett ta' miżuri li jakkumpanjawh. Dawn jistgħu jinkludu, fost miżuri oħrajn, għajnuna teknika u finanzjarja, miżuri għas-sensibilizzazzjoni tal-provvedituri ta' kapitali u skemi biex jiġbdu lill-investituri privati.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu, fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea jew l-Istati Membri kkonċernati, jipprovdi għajnuna teknika, inklużi dwar strutturar finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni, inklużi dawk li jimplimentaw il-kurituri ewlenin tan-netwerks kif elenkati fil-Parti I. Għajnuna teknika bħal din għandha tinkludi wkoll appoġġ lill-amministrazzjonijiet sabiex tiġi żviluppata kapaċità istituzzjonali adatta.

▼B

II. **Strument ta' Ekwità**

1. *Dispożizzjonijiet ġenerali*

Il-mira tal-Istrument ta' Ekwità għandha tkun li jagħti kontribut biex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-swieq Ewropej tal-kapital billi jipprovdi investimenti ta' ekwità u kważi-ekwità.

L-ammonti massimi tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu limitati kif ġej:

— 33 % tad-daqs tal-fond ta' ekwità fil-mira jew

— il-ko-investiment mill-Unjoni fi proġettt m'għandux jaqbeż it-30 % tal-ekwità totali ta' kumpannija.

Il-promoturi tal-proġetti, jistgħu, barra minn hekk, ifittxu finanzjament taddejn taħt l-Istrument tad-Dejn.

2. *Parametri finanzjarji u ingranaġġ*

Għandhom jinħolqu parametri ta' investiment b'tali mod li jistgħu jinkisbu l-għanijiet speċifiċi ta' politika, inkluż li jkunu fil-mira kategoriji partikolari ta' proġetti ta' infrastruttura, filwaqt li jiġi ppreservat l-approċċ ta' dan l-istrument orjentat lejn is-suq.

L-ingranaġġ mistenni tal-Istrument ta' Ekwità — definit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet kollha minn investituri oħrajn) diviża bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni — għandu jkun mistenni li jkollu medja li tvarja minn 5 sa 10, skont l-ispeċifiċitajiet tas-suq.

3. *Kombinazzjoni ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament*

Il-finanzjament mill-Istrument ta' Ekwità jista' jiġi kkombinat ma' kontribuzzjonijiet baġitarji oħrajn imwarrba (ring-fenced) elenkati hawn taħt, soġġett għar-regoli tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-bażi legali rilevanti:

(a) partijiet oħra tal-FNE,

(b) strumenti, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni; u

(c) l-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li jixtiequ jikkontribwixxu r-riżorsi tagħhom jew riżorsi disponibbli mill-fondi taħt il-Politika ta' koeżjoni mingħajr ma jbiddlu n-natura tal-istrument.

4. *Implimentazzjoni*

Entitajiet fdati

L-entitajiet fdati għandhom jintgħażlu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

L-implimentazzjoni taħt il-mod ta' ġestjoni indiretta tista' tieħu l-forma ta' mandati diretti għall-entitajiet fdati, bil-mod ta' ġestjoni indiretta. Għal strumenti taħt mandati diretti (jiġifieri bil-mod ta' ġestjoni indiretta), l-entitajiet fdati għandhom jamministraw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument ta' Ekwità.

Barra minn hekk, il-ħolqien ta' strumenti dedikati ta' investiment jista' jiġi previst biex jippermetti l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn diversi investituri. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiġi subordinata għal dik ta' investituri oħrajn.

▼B

F'każijiet ġustifikati kif mistħoqq, sabiex jinkisbu għanijiet speċifiċi ta' politika, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiġi pprovduta lil proġett speċifiku minn entità fdata bħala ko-investiment.

Tfassil u implimentazzjoni

It-tfassil għandu jkun allinjat mad-dispożizzjonijiet ġenerali għall-istrumenti finanzjarji li jinsabu fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

It-termini u kundizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Ekwità, inkluż il-monitoraġġ u l-kontroll tiegħu, għandhom jiġu stipulati fi ftehim bejn il-Kummissjoni u entità fdata rispettiva, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Kont fiduċjarju

L-entità fdata għandha tiftaħ kont fiduċjarju biex iżomm il-kontribuzzjoni tal-Unjoni u d-dħul li jirriżulta mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

5. *L-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tintuża:

(a) biex ikun hemm parteċipazzjonijiet ta' ekwità;

(b) biex tkopri l-ħlasijiet maqbula u l-ispejjeż assoċjati mal-ħolqien u l-ġestjoni tal-Istrument ta' Ekwità, inkluż l-evalwazzjoni tiegħu, li ġew determinati f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-prattika tas-suq; u

(c) għal azzjonijiet ta' appoġġ marbuta direttament.

6. *Prezzijiet, kondiviżjoni tar-riskji u tad-dħul*

Ir-rimunerazzjoni tal-ekwità għandha tinkludi l-komponenti tal-profitt tassoltu allokati lill-investituri tal-ekwità u għandha tiddependi mill-prestazzjoni tal-investimenti li jirfduha.

7. *Proċedura ta' applikazzjoni u approvazzjoni*

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-entità fdata jew strument ta' investiment dedikat, rispettivament, f'konformità mal-proċeduri ta' applikazzjoni standard tagħhom. L-entitajiet fdati u l-istrumenti ta' investiment dedikati għandhom japprovaw il-proġetti f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom.

8. *Tul ta' żmien tal-Istrument tad-Dejn*

L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument tad-Dejn għandu jkun impenjat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni proprja tal-investimenti tal-ekwità mill-entitajiet fdati jew l-istrumenti ta' investiment dedikati għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022.

9. *Skadenza*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokata lill-Istrument ta' Ekwità għandha tiġi rimborsata lill-kont fiduċjarju rilevanti kif wieħed joħroġ mill-investimenti jew dawn jimmaturaw mod ieħor. Il-kont fiduċjarju għandu jżomm finanzjament li jkun biżżejjed biex ikopri l-ħlasijiet jew ir-riskji relatati mal-Istrument ta' Ekwità sa ma jiskadi.

10. *Rapportar*

Il-metodi ta' rapportar annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Ekwità għandu jintlaħaq qbil dwarhom mill-Kummissjoni u l-entità fdata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

▼B

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, bl-appoġġ tal-entitajiet fdati, tirrapporta dwar l-implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena sal-2023 f'konformità mal-Artikolu 140(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

11. *Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni*

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Ekwità, inkluż permezz ta' kontrolli fuq il-post kif xieraq, u għandha twettaq verifika u kontrolli f'konformità mar- Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

12. *Azzjonijiet ta' Appoġġ*

L-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Ekwità tista' tiġi appoġġata minn sett ta' miżuri li jakkumpanjawh. Dawn jistgħu jinkludu, fost miżuri oħrajn, għajnuna teknika u finanzjarja, miżuri għas-sensibilizzazzjoni tal-provvedituri ta' kapitali, u skemi biex jiġbdu lill-investituri privati.

PARTI IV

PERĊENTWALI INDIKATTIVI GĦAL GĦANIJIET SPEĊIFIĊI TAT-TRASPORT

Ir-riżorsi baġitarji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1), minbarra dawk allokati għall-azzjonijiet ta' appoġġ tal-programmi, għandhom jitqassmu lill-għanijiet speċifiċi tat-trasport kif definit fl-Artikolu 4(2) kif ġej:

(a) it-tneħħija tal-konġestjonijiet, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja, il-konnessjoni fejn hemm lakuni u, b'mod partikolari, it-titjib tat-taqsimiet tal-qsim tal-fruntiera - 80 %;

(b) l-iżgurar ta' sistemi sostenibbli u effiċjenti ta' trasport fuq perijodu twil, bil-ħsieb li ssir tħejjija għall-flussi tat-trasport mistennija fil-futur kif ukoll li ssir possibbli id-dekarbonizzazzjoni tal-mezzi kollha ta' trasport permezz tat-tranżizzjoni għal teknoloġiji tat-trasport innovattivi, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jkunu kemm jista' jkun sikuri - 5 %;

(c) li jiżdiedu kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-mezzi tat-trasport u tissaħħaħ l-interoperabbiltà tas-servizzi tat-trasport, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi tat-trasport, u jitqies il-limitu massimu għal komponenti abbord tas-sistema SESAR, tal-RIS, tal-VTMIS u tal-ITS għas-settur tat-toroq imsemmi fil-punt (vi) tal-Artikolu 10(2)(b) - 15 %.

L-ammont ta' EUR 11 305 500 000 ittrasferit mill-Fond ta' Koeżjoni għandu jintefaq kollu fuq proġetti li jimplimentaw in-netwerk ewlieni jew fuq proġetti u prijoritajiet orizzontali identifikati fil-Parti 1 ta' dan l-Anness.

PARTI V

LISTA TA' ORJENTAZZJONIJIET ĠENERALI LI GĦANDHOM JITQIESU META JIĠU STABBILITI L-KRITERJI TAL-GĦOTI

Meta jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għoti skont l-Artikolu 17(5), għandhom mill-inqas jitqiesu l-orjentazzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-proġett;

(b) kemm hu tajjeb il-pjan ta' implimentazzjoni propost;

(c) l-effett stimulanti tal-appoġġ tal-Unjoni fuq l-investiment pubbliku u privat, meta applikabbli;

▼B

(d) il-ħtieġa li jingħeleb xkiel finanzjarju bħan-nuqqas ta' finanzi fis-suq;

(e) meta applikabbli, l-impatt ekonomiku, soċjali, fuq il-klima u dak ambjentali, u l-aċċessibbiltà;

(f) id-dimensjoni transkonfinali, meta applikabbli.

▼M1

PARTI VI

IL-PRIJORITAJIET TAL-FINANZJAMENT TAT-TRASPORT GĦALL-FINI TAL-PROGRAMMI TA' ĦDIMA MULTIANNWALI U ANNWALI

1. **Il-prijoritajiet tal-finanzjament għall-programmi ta' ħdima multiannwali u annwali**

1.1. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop li jinħolqu konnessjonijiet nieqsa u jitneħħew il-punti ta' konġestjoni, li tittejjeb l-interoperabbiltà ferrovjarja, u, b'mod partikolari, li jittejbu t-taqsimiet transkonfinali:

(i) Proġetti identifikati bil-quddiem fuq il-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni (il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-toroq, u l-portijiet marittimi u interni).

(ii) Proġetti identifikati bil-quddiem dwar sezzjonijiet oħra tan-Netwerk Ewlieni (il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-toroq, il-portijiet marittimi u interni).

(iii) L-interoperabilità ferrovjarja.

(iv) Tnedija tal-ERTMS.

1.2. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop biex jiġu żgurati sistemi ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fuq medda twila ta' żmien, bil-ħsieb li jkun hemm tħejjija għall-flussi futuri tat-trasport mistennija, kif ukoll li jippermettu li l-modi kollha tat-trasport jiġu dekarbonizzati permezz ta' tranżizzjoni lejn teknoloġiji innovattivi tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tiġi ottimizzata s-sikurezza:

(i) It-tnedija ta' teknoloġiji ġodda u tal-innovazzjoni fil-modi kollha tat-trasport, b'enfasi fuq id-dekarbonizzazzjoni, is-sikurezza u t-teknoloġiji innovattivi għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà, l-operazzjoni, il-ġestjoni, l-aċċessibbiltà, il-multimodalità u l-effiċjenza tan-netwerk.

(ii) Infrastruttura b'sigurtà u sikurezza, inklużi parkings b'sigurtà u sikurezza fuq in-Network Ewlieni tat-toroq.

1.3. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop li tittejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkonnessjonijiet bejn il-mezzi ta' trasport, u tittejjeb l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' trasport, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi tat-trasport:

(i) Ajru Uniku Ewropew – SESAR.

(ii) Servizzi ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar.

(iii) Sistemi tat-Trasport Intelliġenti għat-toroq.

(iv) Sistemi ta' Monitoraġġ tat-Traffiku tal-Bastimenti u ta' Informazzjoni.

(v) Awtostradi tal-baħar.

▼M1

(vi) Azzjonijiet li jimplimentaw l-infrastruttura tat-trasport f'nodi tan-Netwerk Ewlieni, inkluż in-nodi urbani.

(vii) Konnessjonijiet mal-pjataformi loġistiċi multimodali u l-iżvilupp tal-pjattaformi.

1.4. Azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi.

2. **Il-prijoritajiet tal-finanzjament għall-programmi ta' ħdima annwali**

2.1. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop li jitneħħew l-ostakli, li tittejjeb l-interoperabbiltà ferrovjarja, li jinħolqu l-konnessjonijiet nieqsa u, b'mod partikolari, li jittejbu t-taqsimiet transkonfinali:

(i) Il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni u l-proġetti ta' toroq fuq in-Netwerk Ewlieni inklużi l-konnessjonijiet mal-portijiet interni u marittimi u mal-ajruporti, kif ukoll l-iżvilupp tal-portijiet.

(ii) Proġetti identifikati fuq in-Netwerk Komprensiv (il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-toroq, il-portijiet marittimi u interni).

(iii) Proġetti li jgħaqqdu n-netwerk ta' trasport trans-Ewropew ma' netwerks tal-infrastruttura ta' pajjiżi ġirien, b'mod partikolari relatati ma' taqsimiet transkonfinali (il-ferroviji, il-passaġġ tal-ilma interni, it-toroq, il-portijiet marittimi u interni).

2.2. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop biex jiġu żgurati sistemi ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fuq medda twila ta' żmien, bil-ħsieb li jkun hemm tħejjija għall-flussi futuri tat-trasport mistennija, kif ukoll li jippermettu li l-modi kollha tat-trasport jiġu dekarbonizzati permezz ta' tranżizzjoni lejn teknoloġiji innovattivi tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tiġi ottimizzata s-sikurezza:

(i) It-tnedija ta' teknoloġiji ġodda u tal-innovazzjoni, minbarra dawk koperti mill-Programm ta' Ħidma multiannwali.

(ii) Servizzi tat-Trasport tal-Merkanzija.

(iii) Azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorjbu li joħroġ mill-ferroviji li jġorru l-merkanzija inkluż it-twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji.

2.3. Il-prijoritajiet ta' finanzjament bl-iskop li tittejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkonnessjonijiet bejn il-mezzi ta' trasport, u tittejjeb l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' trasport, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi tat-trasport:

(i) Sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi barra dawk koperti mill-Programm ta' Ħidma multiannwali.

(ii) Azzjonijiet għal aċċessibilità aħjar għall-infrastruttura tat-trasport għall-persuni b'diżabilità.

(iii) Azzjonijiet li jimplimentaw l-infrastruttura tat-trasport f'nodi tan-Netwerk Ewlieni, inkluż in-nodi urbani.

(iv) Konnessjonijiet mal-pjataformi loġistiċi multimodali u l-iżvilupp tal-pjattaformi.

2.4. Strumenti finanzjarji tas-CEF

(i) Kontribuzzjoni lill-istrumenti finanzjarji, kif definit fl-Artikolu 14 u l-Parti III tal-anness tas-CEF.

(ii) Azzjonijiet li jappoġġaw il-programm għall-istrumenti finanzjarji innovattivi.

▼B

ANNESS II

"ANNESS

LISTA TA' KURITURI INIZJALI TA' MERKANZIJA

	Stati Membri	Rotot prinċipali ([1])	Stabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija:
"Rhine-Alpine"	NL, BE, DE, IT	Zeebrugge-Antwerpen/Amsterdam/Vlissingen (+)/Rotterdam-Duisburg-[Basel]-Milan- Genoa	Sal-10 ta' Novembru 2013
"il-Baħar tat-Tramuntana – il-Mediterran"	NL, BE, LU, FR, UK (+)	Glasgow (*)/Edinburgh (*)/Southampton (*)/Felixstowe (*)-London (+)/Dunkerque (+)/Lille (+)/Liège (+)/Paris (+)/Amsterdam (+)-Rotterdam-Zeebrugge (+)/Antwerpen-Luxembourg-Metz-Dijon-Lyon/[Basel]-Marseille (+)	Sal-10 ta' Novembru 2013
"Skandinavja – Mediterran"	SE, DK, DE, AT, IT	Stockholm/[Oslo] (+)/Trelleborg (+)-Malmö-København-Hamburg-Innsbruck-Verona-La Spezia (+)/Livorno (+)/Ancona (+)/Taranto (+)/Augusta (+)/Palermo	Sal-10 ta' Novembru 2015
"l-Atlantiku"	PT, ES, FR, DE (+)	Sines-Lisboa/Leixões — Madrid-Medina del Campo/ Bilbao/ San Sebastian-Irun- Bordeaux-Paris/ Le Havre/Metz – Strasbourg (+)/ Mannheim (+) Sines-Elvas/Algeciras	Sal-10 ta' Novembru 2013
"Baltiku – Adrijatiku"	PL, CZ, SK, AT, IT, SI	Swinoujscie (+)/Gdynia-Katowice-Ostrava/Žilina-Bratislava/Wien/Klagenfurt-Udine-Venezia/ Trieste/ /Bologna/ Ravenna Graz-Maribor-Ljubljana-Koper/Trieste	Sal-10 ta' Novembru 2015
"Mediterran"	ES, FR, IT, SI, HU, HR (+)	Almería-Valencia/Algeciras/Madrid-Zaragoza/Barcelona-Marseille-Lyon-Turin-Milano-Verona-Padova/Veneziae-Trieste/Koper- Ljubljana-Budapest Ljubljana (+)/Rijeka (+)-Zagreb (+)-Budapest-Zahony (fruntiera Ungerija-Ukraina)	Sal-10 ta' Novembru 2013
"Orjent/Lvant tal-Mediterran"	CZ, AT, SK, HU, RO, BG, EL, DE (*)	— București-Constanța Bremerhaven (*)/Wilhelmshaven (*)/ Rostock (*)/Hamburg (*)-Praha-Vienna/ Bratislava-Budapest — Vidin-Sofia-Burgas (*)/Svilengrad (*) (fruntiera Bulgarija-Turkija)/ Promachonas-Thessaloniki-AthínaPatras (*)	Sal-10 ta' Novembru 2013

▼B

	Stati Membri	Rotot prinċipali ([1])	Stabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija:
"il-Baħar tat-Tramuntana – il-Baltiku" (°)	DE, NL, BE, PL, LT, LV (*), EE (*)	Wilhelmshaven (+)/Bremerhaven/ Hamburg (+)/ Amsterdam (+)/Rotterdam/ Antwerpen-Aachen/Berlin-Warsaw-Terespol (fruntiera Polonja-Bjelorussja)/ Kaunas-Riga (*)-Tallinn (*)	Sal-10 ta' Novembru 2015
"Rhine-Danubju" (‡)	FR, DE, AT, SK, HU, RO, CZ	Strasbourg-Mannheim-Frankfurt-Nürnberg-Wels Strasbourg-Stuttgart-München-Salzburg-Wels-Wien-Bratislava-Budapest-Arad-Braşov/Craiova-Bucureşti-Constanţa Čierna and Tisou (fruntiera Slovakkja/ Ukraina)-Košice-Žilina-Horní Lideč-Praha-München/Nürnberg	Sal-10 ta' Novembru 2020

([1]) '/' tfisser rotot alternattivi. Bi qbil mal-linji gwida tat-TEN-T, il-kurituri tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom, fil-ġejjieni, jitlestew bl-assi ferrovjarju tal-merkanzija Sines/Algeciras-Madrid-Paris, li jaqsam il-Pirenej ċentrali minn ġo mina ta' altitudini baxxa.

(+) Rotot immarkati bi + għandhom jiġu inklużi fil-kurituri rispettivi mhux aktar tard minn 3 snin wara d-data ta' stabbiliment imniżżla f'din it-tabella. Strutturi eżistenti definiti skont l-Artikolu 8 u l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati bis-sehem ta' Stati Membri oħrajn u amministraturi tal-infrastruttura fil-kurituri rispettivi. Dawn l-inklużjonijiet għandhom jissejsu fuq studji dwar is-suq u jqisu l-aspett tat-trasport eżistenti ta' passiġġieri u merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament.

(*) Rotot immarkati bi + għandhom jiġu inklużi fil-kurituri rispettivi mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data ta' stabbiliment imniżżla f'din it-tabella. Strutturi eżistenti definiti skont l-Artikolu 8 u l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati bis-sehem ta' Stati Membri oħrajn u amministraturi tal-infrastruttura fil-kurituri rispettivi. Dawn l-inklużjonijiet għandhom jissejsu fuq studji dwar is-suq u jqisu l-aspett tat-trasport eżistenti ta' passiġġieri u merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament.

(°) Sar-realizzazzjoni ta' linja ta' Rail Baltic b'wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja ta' 1435 mm, l-ispeċifiċitajiet ta' sistemi differenti ta' wisa' bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja għandhom jitqiesu fl-istabbiliment u t-tħaddim ta' dan il-kuritur.

(‡) Il-holqien ta' dan il-kuritur għandu jissejjes fuq studji dwar is-suq u jqis l-aspett tat-trasport eżistenti ta' passiġġieri u merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament. It-taqsima "Čierna u Tisou (fruntiera Slovakkja/Ukraina)-Košice-Žilina-Horní Lideč-Praha" għandha tiġi stabbilita sal-10 ta' Novembru 2013."